

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
11 ta' Mejju 2005

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru

Werrej

Pàġna

I Tagħrif

Kunsill

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 14/2005 adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2004, bi qbil mal-proċedura ta' Artikolu 251 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE 1

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 15/2005 adottata mill-Kunsill fit-22 ta' Diċembru 2004, bi qbil mal-proċedura ta' Artikolu 251 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea bil-ħsieb li jaddotta r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni, fir-rigward ta' l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni għall-vetturi ⁽¹⁾ 19

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 16/2005 adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2005, bi qbil mal-proċedura ta' Artikolu 251 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea bil-għan li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur ⁽¹⁾ 23

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 17/2005 adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2005, bi qbil mal-proċedura ta' Artikolu 251 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea bil-għan li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar ċintorini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin f'vetturi bil-mutur ⁽¹⁾ 28

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 18/2005 adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2005, bi qbil mal-proċedura ta' Artikolu 251 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea bil-għan li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi u t-trażżin tar-ras tagħhom ⁽¹⁾ 33

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

(Tagħrif)

KUNSILL

POŻIZZJONI KOMUNI (KE) NRU 14/2005

adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2004

**bil-ksieb li tiġi adottata Direttiva 2003/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- ... li tikkon-
ċerna l-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE**

(2005/C 111 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

titjib tal-kwalità ta' l-ambjent u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

(4) F'Diċembru 2000, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' politika ġdida dwar l-ilma ta' l-għawm u tat bidu għal konsultazzjoni fuq skala kbira bejn il-partijiet interessati u nvoluti kollha. L-effett prinċipali ta' din il-konsultazzjoni kien appoġġ ġenerali għall-iżvilupp ta' Direttiva ġdida bbażata fuq evidenza xjentifika l-aktar riċenti u li tagħti attenzjoni partikolari lil parteċipazzjoni aktar wiesgħa tal-pubbliku.

Wara li l-kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

(1) Sabiex ikompli mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-Kunsill Ewropew individwa għanijiet sabiex iservu bħala gwida ġenerali għall-iżvilupp fil-futur foqasma ta' prijorità bħal dawk tar-riżorsi naturali u tas-saħħa pubblika.

(5) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent ⁽⁴⁾ fiha impenn sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ilma ta' l-għawm, li jinkludi r-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill Nru. 76/160/KEE tat-8 ta' Diċembru 1975 dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm ⁽⁵⁾.

(2) L-ilma huwa riżors naturali skars, li l-kwalità tiegħu għandha tkun protetta, imħarsa, immaniġġjata u ttrattata bħala tali. L-ilmijiet tal-wiċċ, b'mod partikolari, huma riżorsi li jiġġeddu b'kapaċità limitata li jirkupraw minn impatti dannużi minn attivajiet umani.

(6) Skond it-Trattat, il-Komunità, fit-tħejjija tal-politika dwar l-ambjent, għandha, inter alia, tikkunsidra d-data xjentifika u teknika li hija disponibbli. Din id-Direttiva għandha tuża evidenza xjentifika fl-implimentazzjoni ta' parametri indikaturi l-iktar affidabbli għat-tbassir tar-riskju mikrobijoloġiku għas-saħħa u biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni. Għandhom isiru b'mod urġenti studji epidemjoloġiċi ulterjuri dwar ir-riskji għas-saħħa assoċjati ma' l-għawm, b'mod partikolari fl-ilma ħelu.

⁽¹⁾ ĠU C 220, 16.9.2003, p. 39.

⁽²⁾ ĠU C 244, 10.10.2003, p. 31.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2003 (ĠU L 82 E, 1.4.2004, p. 115). Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2004 u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-... (li għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ ĠU L 242, ta' l-10.9.2002, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 31, ta' l-5.2.1976, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru. 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

- (7) Sabiex jiżdedu l-effiċjenza u l-użu għaqli tar-riżorsi, din id-Direttiva għandha tkun koordinata mill-qrib ma' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar l-ilma, bħad-Direttivi tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma ta' l-iskart urban ⁽¹⁾, 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli ⁽²⁾ u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ⁽³⁾.
- (8) Għandha tiġi mxerrda, fost il-partijiet interessati, informazzjoni adegwata dwar miżuri ppjanati u dwar il-progress fl-implimentazzjon. Il-pubbliku għandu jirċievi informazzjoni adegwata u f'waqtha dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm u dwar il-miżuri ta' l-immaniġġjar tar-riskji sabiex jiġu evitati perikli għas-saħħa, speċjalment fil-kuntest ta' tniġġis prevedibbli ta' żmien qasir jew ta' sitwazzjonijiet mhux normali. Għandha tiġi applikata teknoloġija ġdida li tippermetti li l-pubbliku jkun informat b'mod effiċjenti u komparabbli dwar il-miżuri għall-għawm madwar il-Komunità.
- (9) Għall-finijiet ta' monitoraġġ, jeħtieġ li jiġu applikati metodi u prattiki armonizzati ta' analiżi. L-osservazzjoni u l-valutazzjoni ta' kwalità fuq perjodu estenzjoni huma neċessarji sabiex tiġi stabbilita klassifikazzjoni realistika ta' l-ilma ta' l-għawm.
- (10) Il-konformità għandha kun kwistjoni ta' miżuri adegwati ta' immaniġġjar u ta' ċertezza ta' kwalità, mhux biss ta' kejl u kalkolu. Huwa għalhekk xieraq li jkun hemm sistema ta' profili ta' ilma ta' l-għawm sabiex tipprovdi konnoxxenza itjeb tar-riskji bħala bażi għall-miżuri ta' immaniġġjar. B'mod komplimentari, għandha tingħata attenzjoni partikulari sabiex jiġu osservati l-istandards ta' kwalità u sabiex issir transizzjoni koerenti mid-Direttiva 76/160/KEE.
- (11) Fil-25 ta' Ġunju 1998, il-Komunità ffirmat il-Konvenzjoni tan-NU/ECE dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Affarijiet Ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Århus). Il-liġi tal-Komunità għandha tkun allineata adegwament ma' dik il-Konvenzjoni bil-għan li tiġi ratifikata mill-Komunità. Għalhekk huwa xieraq li din id-Direttiva tinkludi disposizzjonijiet dwar l-aċċess tal-pubbliku għall-infurmazzjoni u tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika fl-implimentazzjoni tagħha.
- (12) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kisba mill-Istati Membri, abbażi ta' standards komuni, ta' kwalità

ta' l-ilma ta' l-għawm u ta' livell għoli ta' protezzjoni fil-Komunità kollha, ma jistgħux jiġu żgurati mill-Istati Membri u jistgħu jiġu żgurati aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu dawm l-għanijiet.

- (13) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KEE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni ⁽⁴⁾.
- (14) L-importanza kontinwa ta' politika Komunitarja dwar l-ilma ta' l-għawm hija evidenti kull staġun ta' l-għawm billi tipproteġi lill-pubbliku minn tniġġis aċċidentali u kroniku li jiġi skarikat f'żoni ta' l-għawm Komunitarji jew hdejjhom. Il-kwalità ġenerali ta' l-ilma ta' l-għawm tjebet b'mod konsiderevoli minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva 76/160/KEE. Madankollu, dik id-Direttiva tirrifletti l-istat ta' konnoxxenza u esperjenza fil-bidu tas-snin sebgħin. It-tendenzi fl-użu ta' l-ilma ta' l-għawm inbidlu minn dak iż-żmien, hekk kif inbidel l-istat tal-konnoxxenza xjentifika u teknika. Għalhekk, dik id-Direttiva għandha tiġi mħassra,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOSIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Għan u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi disposizzjonijiet:
 - (a) għall-monitoraġġ u l-klassifikazzjoni tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm;
 - (b) għall-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm; u
 - (c) għall-proviżjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm.

2. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tippreserva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità ta' l-ambjent u li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem billi tikkomplimenta d-Direttiva 2000/60/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 135, tat-30.5.1991, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p.1).

⁽²⁾ ĠU L 375, tal-31.12.1991, p.1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p.1).

⁽³⁾ ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, tal-15.12.2001, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kwalunkwe element ta' ilma tal-wiċċ fejn l-awtorità kompetenti tistenna numru kbir ta' nies li jmorru sabiex jgħumu u fejn ma tkunx imponiet xi projbizzjoni permanenti ta' l-għawm, jew ħarġet xi avviż permanenti kontra l-għawm (minn hawn 'il quddiem "ilma ta' l-għawm"). Ma għandhiex tapplika għal:

- (a) pixxini ta' l-għawm u pixxini ta' spas;
- (b) ilmijiet magħluqa soġġetti għal trattamenti jew użati għal għanijiet terapewtiċi;
- (ċ) ilmijiet magħluqa, maħluqa artifiċjalment, separati minn ilma tal-wiċċ uminn ilma ta' taħt l-art.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin.

- 1) "Ilma tal-wiċċ", "ilma ta' taħt l-art", "ilma intern", "ilmijiet temporanji", "ilma tal-kosta" u "baċir ta' xmara" għandhom l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 2000/60/KE;
- 2) "Awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità jew awtoritajiet li Stat Membru jkun innomina sabiex jiżgura konformità mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva jew kwalunkwe awtorità oħra jew korp ieħor li ġew ddelegati b'dak ir-rwol;
- 3) "Permanent" tfisser, fir-rigward ta' xi projbizzjoni ta', jew avviż kontra, l-għawm, li jdum għall-inqas staġun wieħed sħiħ ta' l-għawm;
- 4) "Numru kbir" tfisser, fir-rigward ta' għawwiema, numru li awtorità kompetenti tikkunsidra li hu kbir b'kont meħud, partikolarment, ta' tendenzi fil-passat jew ta' kwalunkwe infrastruttura jew faċilitajiet provduti, jew ta' miżuri oħra meħuda, għall-promozzjoni ta' l-għawm;
- 5) "Tniġġis" tfisser il-preżenza ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika jew organiżmi oħra jew skart li jaffettwa l-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm u li jippreżenta riskju għas-saħħa ta' l-għawwiema kif inhu msemmi fl-Artikoli 8 u 9 u fl-Anness I, Kolonna A;
- 6) "L-istaġun ta' l-għawm" tfisser il-perjodu li matulu jkun mistenni numru kbir ta' għawwiema;
- 7) "Miżuri ta' immaniġġjar" tfisser il-miżuri segwenti, li ttiēdu fir-rigward ta' l-ilma ta' l-għawm:
 - (a) l-istabbiliment u l-manteniment ta' profil ta' l-ilma ta' l-għawm;
 - (b) l-istabbiliment ta' kalendarju ta' monitoraġġ;
 - (ċ) il-monitoraġġ ta' l-ilma ta' l-għawm;
 - (d) l-istima tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm;

- (e) il-klassifikazzjoni l-ilma ta' l-għawm;
 - (f) l-identifikazzjoni u l-istima tal-kawżi ta' tniġġis li jista' jaffettwa l-ilmijiet ta' l-għawm u jagħmel ħsara għas-saħħa ta' l-għawwiema;
 - (g) l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku;
 - (h) it-teħid ta' azzjoni sabiex tiġi evitata l-espożizzjoni ta' l-għawwiema għat-tniġġis;
 - (i) it-teħid ta' azzjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju tat-tniġġis;
- 8) "Tniġġis għal żmien qasir" tfisser kontaminazzjoni mikrobijoloġika kif inhu msemmi fl-Anness I, Kolonna A, li għandha kawżi li jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar, li normalment mhux mistennija li taffettwa l-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm għal iktar minn approssimament 72 siegħa u li għaliha l-awtorità kompetenti tkun stabbilixxiet proċeduri sabiex tipprevedi u titratta kif stabbilit fl-Anness II;
 - 9) "Sitwazzjoni anormali" tfisser avveniment jew kombinazzjoni ta' avvenimenti li jolqtu l-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm fil-post konċernat u li ma jkunx mistennija jiġru medjament iktar minn darba kull erba' snin;
 - 10) "Sett ta' data dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm" tfisser data miksuba skond l-Artikolu 3;
 - 11) "Stima tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm" tfisser il-proċess tal-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm, bl-użu tal-metodu ta' stima definit fl-Anness II;
 - 12) "Proliferazzjoni ċjanobatterika" tfisser akkumulazzjoni ta' ċjanobatterji f'forma ta' bloom, paljett jew ħmieġ;
 - 13) "Pubbliku kkonċernat" għandu l-istess tifsira bħal fid-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ⁽¹⁾.

KAPITOLU II

IL-KWALITÀ U L-IMMANIĠĠJAR TA' L-ILMA TA' L-GĦAWM

Artikolu 3

Monitoraġġ

1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw kull sena l-ilmijiet ta' l-għawm kollha u jiddefenixxu t-tul ta' l-istaġun ta' l-għawm. Huma għandhom jagħmlu dan għall-ewwel darba qabel il-bidu ta' l-ewwel staġun ta' l-għawm wara d-data msemmija fl-Artikolu 18(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-monitoraġġ tal-parametri stabbiliti fl-Anness I, Kolonna A, isir skond l-Anness IV.

⁽¹⁾ ĠU L 175, tal-5.7.1985, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 17).

3. Il-punt ta' monitoraġġ għandu jkun il-post ġo l-ilma ta' l-għawm fejn:

Artikolu 4

- (a) hu mistenni l-ikbar numru ta' għawwiema; jew
- (b) hu mistenni l-ikbar riskju ta' tniġġis, skond il-profil ta' l-ilma ta' l-għawm.

4. Għandu jiġi stabbilit kalendarju ta' monitoraġġ għal kull ilma ta' l-għawm qabel il-bidu ta' kull staġun ta' l-għawm u għall-ewwel darba qabel il-bidu tat-tielet staġun sħiħ ta' l-għawm wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Il-monitoraġġ għandu jsir mhux aktar tard minn erbat ijiem wara d-data speċifikata fil-kalendarju ta' monitoraġġ.

5. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-monitoraġġ tal-parametri stabbiliti fl-Anness I, Kolonna A, matul l-ewwel staġun sħiħ ta' l-għawm wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. F'dak il-każ, il-monitoraġġ għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Anness IV. Ir-riżultati ta' tali monitoraġġ jistgħu jintużaw sabiex jinbnew is-settijiet ta' data dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm imsemmija fl-Artikolu 4. Hekk kif l-Istati Membri jintroduċu l-monitoraġġ skond din id-Direttiva, il-monitoraġġ tal-parametri stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 76/160/KEE jista' jjeqaf.

6. Kampjuni li jkunu ttieħdu matul inċidenti ta' tniġġis għal żmien qasir jistgħu ma jitqisux. Huma għandhom jiġu sostitwiti b'kampjuni meħuda skond l-Anness IV.

7. Matul sitwazzjonijiet anormali, il-kalendarju ta' monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 4 jista' jkun sospiż. Hu għandu jerġa jibda mill-aktar fis possibbli wara t-tmiem tas-sitwazzjoni anormali. Għandhom jittieħdu kampjuni ġodda mill-aktar fis possibbli wara t-tmiem tas-sitwazzjoni anormali sabiex jieħdu post kampjuni li huma neqsin minħabba s-sitwazzjoni anormali.

8. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kwalunkwe sospensjoni tal-kalendarju ta' monitoraġġ lill-Kummissjoni, u jagħtu r-raġunijiet għas-sospensjoni. Huma għandhom jipprovdu rapporti bħal dawn mhux aktar tard mill-okkażjoni tar-rapport annwali li jmiss kif stabbilit fl-Artikolu 13.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-analiżi tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm issir skond il-metodi ta' referenza speċifikati fl-Anness I u r-regoli stabbiliti fl-Anness V. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu ta' metodi jew regoli oħra jekk ikunu jistgħu juru li r-riżultati miksuba huma ekwivalenti għal dawk miksuba bl-użu tal-metodi speċifikati fl-Anness I u tar-regoli stabbiliti fl-Anness V. L-Istati Membri li jippermettu l-użu ta' tali metodi jew regoli ekwivalenti għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-metodi jew ir-regoli użati u l-ekwivalenza tagħhom.

L-istima tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm

1. L-Istati Membri għandhom jiżuraw li s-settijiet ta' data dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm jiġu kompilati permezz tal-monitoraġġ tal-parametri stabbiliti fl-Anness I, Kolonna A.

2. L-istima tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm għandha ssir:

- (a) fir-rigward ta' kull ilma ta' l-għawm;
- (b) wara t-tmiem ta' kull staġun ta' l-għawm;
- (c) abbażi tas-sett ta' data dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm fir-rigward ta' dak l-istaġun ta' l-għawm u t-tliet staġuni ta' l-għawm preċedenti; u
- (d) skond il-proċedura stabbilita fl-Anness II.

Madankollu, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jwettaq stimi tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm abbażi tas-sett ta' data dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm ikkompilati fir-rigward biss tat-tliet staġuni ta' l-għawm preċedenti. Jekk dan jiddeċiedi hekk, għandu jgħarraf lill-Kummissjoni minn qabel. Għandu wkoll jgħarraf lill-Kummissjoni jekk sussegwentement jiddeċiedi li jerġa' lura għal stimi li jagħmel abbażi ta' erba' staġuni ta' l-għawm. L-Istati Membri ma jistgħux ibiddu l-perjodu ta' stima applikabbli aktar minn darba kull ħames snin.

3. Is-settijiet ta' data dwar l-ilma ta' l-għawm użati biex jitwettqu stimi dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm għandhom dejjem jinkludu mill-inqas 16-il kampjun jew, fiċ-ċirkustanzi speċjali msemmija fl-Anness IV, paragrafu 2, 12-il kampjun.

4. Madankollu, bil-kondizzjoni li jew:

— ikun sodisfatt ir-reqwizit tal-paragrafu 3; jew

— is-sett ta' data dwar l-ilma ta' l-għawm użat biex issir l-istima jikkompriendi mill-inqas 8 kampjuni, fil-każ ta' ilmiġiet ta' l-għawm bi staġun ta' l-għawm li ma jaqbiżx it-8 ġimgħat,

tista' titwettaq stima tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm abbażi ta' sett ta' data dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm assoċjata ma' inqas minn erba' staġuni ta' l-għawm jekk:

- (a) l-ilma ta' l-għawm ikun għadu kif ġie identifikat;
- (b) sehew kwalunkwe tibdiliet li probabbilment jolqtu l-klasifikazzjoni ta' l-ilma ta' l-għawm skond l-Artikolu 5, u f'dan il-każ l-istima għandha titwettaq abbażi ta' sett ta' data dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm li tikkonsisti biss fir-riżultati tal-kampjuni miġbura mindu sehew it-tibdiliet; jew

(ċ) l-ilma ta' l-għawm ikun diġà ġie smat skond id-Direttiva 76/160/KEE, u f'dak il-każ għandha tintuża *data* ekwivalenti miġbura skond dik id-Direttiva u, għal dan il-għan, il-parametri 2 u 3 ta' l-Anness mad-Direttiva 76/160/KEE għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-parametri 2 u 1 tal-Kolonna A ta' l-Anness I ma' din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri jistgħu jissuddividu jew jaggruppaw flimkien ilmiġiet ta' l-għawm eżistenti fid-dawl ta' l-istimi tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm. Huma jistgħu jaggruppaw flimkien ilmiġiet ta' l-għawm eżistenti biss jekk dawn l-ilmijiet:

- (a) jittieħdu;
- (b) ingħataw stimi simili għall-erba' snin preċedenti skond il-paragrafi 2, 3 u 4(ċ); u
- (ċ) għandhom profili ta' l-ilma ta' l-għawm li kollha jidentifikaw fatturi ta' riskju komuni jew in-nuqqas tagħhom.

Artikolu 5

Klassifikazzjoni u status ta' kwalità ta' l-ilmijiet ta' l-għawm

1. Bħala riżultat ta' l-istima tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm li titwettaq skond l-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom, skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness II, jikklassifikaw l-ilma ta' l-għawm bħala:

- (a) "fqir";
- (b) "suffiċjenti";
- (ċ) "tajjeb"; jew
- (d) "eċċellenti".

2. L-ewwel klassifikazzjoni skond ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva għandha titlesta sat-tmiem ta' l-istaġun ta' l-għawm ta' l-2015.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa l-aħħar ta' l-istaġun ta' l-għawm ta' l-2015, l-ilmijiet ta' l-għawm kollha jkunu, għall-inqas, "suffiċjenti". Huma għandhom jieħdu dawl il-miżuri realistiki u proporzjonati li jidhrulhom adegwati bil-ħsieb li jżidu n-numru ta' ilmijiet ta' l-għawm klassifikati bħala "eċċellenti" jew "tajjeb".

4. Madankollu, minkejja r-rekwiżiti ġenerali tal-paragrafu 3, l-ilmijiet ta' l-għawm jistgħu jiġu klassifikati temporanjament bħala "fqar" u xorta jibqgħu konformi ma' din id-Direttiva. Ir-raġunijiet għan-nuqqas li jintlaħaq l-istatus ta' kwalità "suffiċjenti" għandhom ikunu ġew identifikati. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

- (a) Fir-rigward ta' kull ilma ta' l-għawm klassifikat bħala "fqir", għandhom jittieħdu l-miżuri li ġejjin b'effett mill-istaġun ta' l-għawm li jiġi wara l-klassifikazzjoni tiegħu:

(i) miżuri amministrattivi adegwati, li jinkludu l-projbizzjoni ta' l-għawm jew avviż kontra l-għawm, bil-għan li tiġi evitata l-espożizzjoni ta' l-għawwiema għat-tniġġis; u

(ii) miżuri amministrattivi adegwati biex jiġu evitati, imnaqqa jew eliminati l-kawżi ta' tniġġis.

(b) Jekk xi ilma ta' l-għawm jiġi klassifikat bħala "fqir" għal ħames snin konsekuttivi, għandha tiġi introdotta projbizzjoni permanenti ta' l-għawm jew għandu jiġi introdott avviż permanenti kontra l-għawm. Madankollu, Stat Membru jista' jintroduċi projbizzjoni permanenti ta' l-għawm jew avviż permanenti kontra l-għawm qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin jekk jikkonsidra li l-kisba tal-kwalità "suffiċjenti" ma tkunx possibbli jew tkun tinvolvi spiża sproporzjonata.

5. Kull meta jiġu introdotti projbizzjoni permanenti ta' l-għawm jew avviż permanenti kontra l-għawm, il-pubbliku għandu jiġi infurmat li ż-żona konċernata ma għadhiex ilma ta' l-għawm, u għandhom jingħataw raġunijiet għad-deklassifikazzjoni tagħha.

Artikolu 6

Il-profilu ta' l-ilma ta' l-għawm

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-profilu ta' l-ilma ta' l-għawm jiġu stabbiliti skond l-Anness III. Kull profil ta' l-ilma ta' l-għawm jista' jkopri ilma ta' l-għawm wieħed jew iktar minn ilmijiet ta' l-għawm kontigwi. Il-profilu ta' l-ilma ta' l-għawm għandhom jiġu stabbiliti għall-ewwel darba sa... (*).

2. Il-profilu ta' l-ilma ta' l-għawm għandhom jiġu riveduti u aġġornati kif previst fl-Anness III.

3. Meta jiġu stabbiliti, riveduti u aġġornati l-profilu ta' l-ilma ta' l-għawm, għandu jsir użu adegwat mid-*data* miksuba mill-monitoraġġ u l-istimi mwettqa skond id-Direttiva 2000/60/KE li huma relevanti għal din id-Direttiva.

Artikolu 7

Miżuri ta' immaniġġjar f'ċirkustanzi eċċezzjonali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri f'waqthom u adegwati ta' immaniġġjar meta jkunu konxji ta' sitwazzjonijiet mhux mistennija li jkollhom, jew li jistgħu raġonevolment ikollhom, impatt ħażin fuq il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm u fuq is-saħħa ta' l-għawwiema. Tali miżuri għandhom jinkludu l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku u, jekk ikun neċessarju, il-projbizzjoni temporanja ta' l-għawm.

(*) Sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Artikolu 8

Riskji ċjanobatterići

1. Meta l-profil ta' l-ilma ta' l-għawm jindika potenzjal ta' proliferazzjoni ċjanobatterika, għandu jitwettaq monitoraġġ adegwat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni fwaqtha tar-riskji għas-saħħa.

2. Meta sseħħ proliferazzjoni ċjanobatterika u jkun ġie identifikat jew preżunt riskju għas-saħħa, għandhom immedjatement jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar sabiex tiġi evitata l-espożizzjoni, inkluż l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku.

Artikolu 9

Parametri oħra

1. Meta l-profil ta' l-ilma ta' l-għawm jindika tendenza għall-proliferazzjoni ta' makro-alka u/jew fitoplankton tal-baħar, għandhom jitwettqu investigazzjonijiet sabiex tiġi stabbilita l-aċċettabbiltà tagħhom u r-riskji għas-saħħa u għandhom jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar, inkluż l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku.

2. L-ilmijiet ta' l-għawm għandhom jiġu spezzjonati viżwalment għal tniġġis bħal residwi tal-qatran, ħġieġ, plastik, lasktu jew kawlukwe skart ieħor. Meta jinstab tniġġis bħal dan, għandhom jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar, inkluż, jekk ikun neċessarju, l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku.

Artikolu 10

Koperazzjoni dwar ilmijiet transkonfinali

Kull fejn xi baċir ta' xmara jkun il-kawża ta' impatti transkonfinali fuq il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm, l-Istati Membri involuti għandhom jikkoperaw adegwament skond il-każ sabiex jimplimentaw din id-Direttiva, anke bl-iskambju adegwat ta' informazzjoni u b'azzjoni konġunta sabiex jikkontrollaw dawk l-impatti.

KAPITOLU III

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 11

Il-parteciġazzjoni tal-pubbliku

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-parteciġazzjoni tal-pubbliku fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva billi jipprovdu opportunitajiet għall-pubbliku kkonċernat sabiex jiffurmula suġġerimenti, rimarki jew ilmenti. L-awtoritajiet kompetenti

għandhom jieħdu kont xieraq ta' kwalunkwe informazzjoni miksuba.

Artikolu 12

Informazzjoni lill-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja tiġi mxerrda b'mod attiv u li tkun disponibbli fil-pront matul l-istaġun ta' l-għawm f'post li jkun aċċessibbli faċilment fil-viċinanzi ta' kull ilma ta' l-għawm:

- (a) il-klassifikazzjoni kurrenti ta' l-ilma ta' l-għawm;
- (b) deskrizzjoni ġenerali ta' l-ilma ta' l-għawm, b'lingwaġġ mhux tekniku, ibbażata fuq il-profil ta' l-ilma ta' l-għawm stabbilit skond l-Anness III;
- (c) fil-każ ta' ilmijiet ta' l-għawm li huma soġġetti għal tniġġis għal żmien qasir:
 - notifika li l-ilma ta' l-għawm huwa soġġett għal tniġġis għal żmien qasir,
 - indikazzjoni tan-numru tal-ġranet li matulhom l-għawm kien ipprobit jew li matulhom ingħata avviż kontra tiegħu matul l-istaġun ta' l-għawm preċedenti minħabba tali tniġġis, u
 - twissija kull meta tali tniġġis ikun mistenni jew ikun preżenti;
- (d) informazzjoni dwar in-natura u d-dewmien mistenni tas-sitwazzjonijiet anormali matul tali avvenimenti;
- (e) kull meta jiġi pprobit l-għawm jew jingħata avviż kontra l-għawm, avviż li jinforma lill-pubbliku u jipprovdi raġunijiet; u
- (f) indikazzjoni tas-sorsi ta' informazzjoni aktar kompleta.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mezzi tax-xandir u t-teknoloġiji adegwati, inkluż l-internet, sabiex attivament u prontament ixerrdu l-informazzjoni dwar l-ilmijiet ta' l-għawm imsemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll l-informazzjoni li ġejja:

- (a) lista ta' ilmijiet għall-għawm;
- (b) il-klassifikazzjoni ta' kull ilma ta' l-għawm fuq medda ta' l-aħħar tliet snin u l-profil ta' l-ilma ta' l-għawm tiegħu, inklużi r-riżultati ta' monitoraġġ li jkun sar skond din id-Direttiva mill-aħħar klassifikazzjoni;
- (c) fil-każ ta' ilmijiet ta' l-għawm klassifikati bħala "fqar", informazzjoni dwar il-kważi ta' tniġġis u l-miżuri meħuda sabiex tiġi evitata l-espożizzjoni ta' l-għawwiema għat-tniġġis u biex jiġu trattati l-kawżi tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 5(4); u

(d) fil-każ ta' ilmijiet ta' l-għawm soġġetti għal tniġġis għal żmien qasir, informazzjoni ġenerali dwar:

- il-kondizzjonijiet li probabbli jwasslu għal tniġġis għal żmien qasir,
- il-probabbiltà ta' tniġġis bħal dan u d-dewmien probabbli tiegħu,
- il-kawżi ta' tniġġis u l-miżuri li ttieħdu bil-għan li tiġi evitata l-espożizzjoni ta' l-għawwiema għat-tniġġis u biex jiġu trattati l-kawżi tiegħu.

Il-lista msemmija f'punt (a) għandha tkun disponibbli kull sena qabel il-bidu ta' l-istaġun ta' l-għawm. Ir-riżultati tal-monitoraġġ għandhom ikunu disponibbli fi żmien ġimgħa.

3. L-informazzjoni imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tkun imxerrda malli ssir disponibbli u b'effett mill-bidu tal-ħames staġun ta' l-għawm wara d-data msemmija fl-Artikolu 18(1).

4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom, fejn jkun possibbli, jipprovdu informazzjoni lill-pubbliku bl-użu ta' teknoloġija ġeo-referenzjata u jippreżentawha b'mod ċar u koerenti, b'mod partikolari permezz ta' l-użu ta' sinjali u simboli.

Artikolu 13

Rapporti

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-monitoraġġ u bl-istima tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm għal kull ilma ta' l-għawm, kif ukoll b'deskrizzjoni tal-miżuri sinifikanti ta' immaniġġjar li ttieħdu. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw din l-informazzjoni kull sena sal-31 ta' Diċembru fir-rigward ta' l-istaġun ta' l-għawm preċedenti. Huma għandhom jibdeu jipprovduha ladarba tkun saret l-ewwel stima tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm skond l-Artikolu 4.

2. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni kull sena qabel il-bidu ta' l-istaġun ta' l-għawm dwar l-ilmijiet kollha identifikati bħala ilmijiet ta' l-għawm, inkluża r-raġuni għal kwalunkwe bidla b'paragun mas-sena preċedenti. Huma għandhom jagħmlu dan għall-ewwel darba qabel il-bidu ta' l-ewwel staġun ta' l-għawm wara d-data msemmija fl-Artikolu 18(1).

3. Meta jibda l-monitoraġġ ta' l-ilma ta' l-għawm skond din id-Direttiva, ir-rapportaġġ ta' kull sena lill-Kummissjoni għandu jkompli jsir skond il-paragrafu 1 skond id-Direttiva 76/160/KEE sakemm tkun tista' ssir l-ewwel stima skond din id-Direttiva. Matul dak il-perjodu, il-parametru 1 ta' l-Anness mad-Direttiva 76/160/KEE ma għandux jiġi kkonidrat fir-rap-

port annwali, u l-parametri 2 u 3 ta' l-Anness mad-Direttiva 76/160/KEE għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-parametri 2 u 1 tal-Kolonna A ta' l-Anness I ma' din id-Direttiva.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali fil-qosor dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm fil-Komunità, inklużi l-klassifikazzjonijiet ta' l-ilma ta' l-għawm, il-konformità ma' din id-Direttiva u l-miżuri sinifikanti ta' immaniġġjar li ttieħdu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dan ir-rapport sat-30 ta' April kull sena, anke permezz ta' l-Internet. Meta tagħmel ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun possibbli, tagħmel l-aħjar użu mis-sistemi tal-ġbir, ta' valutazzjoni u ta' preżentazzjoni ta' data skond il-liġi Komunitarja pertinenti, partikularment id-Direttiva 2000/60/KE.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 14

Rapportaġġ u revizzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-2018, tippreżenta rapport, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jirrevedi din id-Direttiva.

2. Ir-rapport għandu jirrigwardja b'mod partikolari:

- (a) ir-riżultati ta' studju epidemjoloġiku Ewropew adegwat immexxi mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri;
- (b) żviluppi oħra xjentifiċi, analitiċi u epidemjoloġiċi pertinenti għall-parametri għall-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm; u
- (ċ) rakkomandazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

3. Fid-dawl ta' dak ir-rapport, u ta' stima estiża ta' l-impatt, il-Kummissjoni tista', jekk ikun xieraq, takkompanja r-rapport tagħha bi proposti għal emendi ta' din id-Direttiva.

Artikolu 15

Adattamenti tekniċi u miżuri implimentattivi

Jista' jiġi deċiż, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2):

- (a) li jiġi speċifikat l-istandard ta' l-EN/ISO dwar l-ekwivalenza ta' metodi mikrobijoloġiċi għall-finijiet ta' l-Artikolu 3(9);
- (b) li jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 8(1) u 12(4);

- (ċ) li jiġu adattati l-metodi ta' analiżi għall-parametri stabbiliti fl-Anness I fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku;
- (d) li l-Anness V jiġi adattat fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku;
- (e) li jiġu stabbiliti linji ta' gwida għal metodu komuni għall-istima ta' kampjuni singoli.

Artikolu 16

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 17

Tħassir

1. Id-Direttiva 76/160/KEE hija b'dan imħassra b'effett mill-31 ta' Diċembru 2014. Soġġett għall-paragrafu 2, dan it-tħassir għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri dwar il-limiti taż-żmien għal traspożizzjoni u applikazzjoni stabbiliti fid-Direttiva mħassra.
2. Hekk kif Stat Membru jkun ħa l-miżuri kollha legali, amministrattivi u prattiċi neċessarji biex jikkonforma ma' din id-Direttiva, din id-Direttiva tibda tapplika, filwaqt li tissostitwixxi d-Direttiva 76/160/KEE.
3. Riferimenti magħmula għad-Direttiva mħassra għandhom jiġu interpretati bħala magħmula għal din id-Direttiva.

Artikolu 18

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... (*). Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn ta' l-aħħar għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandha titqiegħed magħhom tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-mod kif għandha ssir tali referenza għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 19

Id-Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 20

Id-Destinatari

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

(*) Tliet snin wara l-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

ANNEX I

GĦAL ILMIJJET INTERNI

	A	B	Ċ	D	E
	Parametru	Kwalità eċċellenti	Kwalità	Kwalità suffiċjenti	Metodi ta' referenza għall-analiżi
1	Intestinal enterococci (cfu/100 mL)	200 (*)	400 (*)	360 (**)	ISO 7899-1 jew ISO 7899-2
2	Escherischia coli (cfu/100 mL)	500 (*)	1000 (*)	900 (**)	ISO 9308-3 jew ISO 9308-1

(*) Ibbażati fuq stima ta' 95 perċentili. Ara l-Anness II.

(**) Ibbażati fuq stima ta' 90 perċentili. Ara l-Anness II.

GĦAL ILMIJJET TAL-KOSTA U ILMIJJET TEMPORANJI

	A	B	Ċ	D	E
	Parametru	Kwalità eċċellenti	Kwalità tajba	Kwalità suffiċjenti	Metodi ta' referenza għall-analiżi
1	Intestinal enterococci (cfu/100 mL)	100 (*)	200 (*)	200 (**)	ISO 7899-1 jew ISO 7899-2
2	Escherischia coli (cfu/100 mL)	250 (*)	500 (*)	500 (**)	ISO 9308-3 jew ISO 9308-1

(*) Ibbażati fuq stima ta' 95 perċentili. Ara l-Anness II.

(**) Ibbażati fuq stima ta' 90 perċentili. Ara l-Anness II.

ANNEX II

L-ISTIMA U L-KLASSIFIKAZZJONI TA' L-ILMA TA' L-GĦAWM

1. KWALITÀ FQIRA

L-ilmijiet ta' l-għawm għandhom jiġu klassifikati bħala "fqar" jekk, fis-sett ta' *data* dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm għall-aħħar perjodu ta' stima ⁽¹⁾, il-valuri perċentili ⁽²⁾ għall-enumerazzjonijiet mikrobijoloġiċi jkun agħar ⁽³⁾ mill-valuri ta' "kwalità suffiċjenti" stabbiliti fl-Anness I, Kolonna D.

2. KWALITÀ SUFFIĊJENTI

L-ilmijiet ta' l-għawm għandhom jiġu kklassifikati bħala "suffiċjenti":

- 1) jekk, fis-sett ta' *data* dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm għall-aħħar perjodu ta' stima, il-valuri perċentili għall-enumerazzjonijiet mikrobijoloġiċi huma daqs jew aħjar ⁽⁴⁾ mill-valuri ta' "kwalità suffiċjenti" stabbiliti fl-Anness I, Kolonna D; u
- 2) jekk l-ilma ta' l-għawm ikun soġġett għal tniġġis għal żmien qasir, bil-kondizzjoni li:
 - (i) ikunu qegħdin jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar, li jinkludu sorveljanza, sistemi ta' twissija bikrija u monitoraġġ, bil-għan li tiġi evitata l-espożizzjoni ta' l-għawwiema permezz ta' twissija jew, fejn ikun neċessarju, projbizzjoni ta' l-għawm;
 - (ii) ikunu qegħdin jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar sabiex jiġu evitati, imnaqqsa jew eliminati l-kawżi ta' tniġġis; u
 - (iii) in-numru ta' kampjuni injorati skond l-Artikolu 3(6) minħabba tniġġis għal żmien qasir matul l-aħħar perjodu ta' stima rrapreżentaw mhux iktar minn 15 % tan-numru totali ta' kampjuni previsti fil-kalendarji ta' monitoraġġ stabbiliti għal dak il-perjodu, jew mhux iktar minn kampjun wieħed kull staġun ta' l-għawm, ikun liema jkun l-ikbar.

3. KWALITÀ TAJBA

L-ilmijiet ta' l-għawm għandhom jiġu kklassifikati bħala "tajba":

- 1) jekk, fis-sett ta' *data* dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm għall-aħħar perjodu ta' stima, il-valuri perċentili għall-enumerazzjonijiet mikrobijoloġiċi huma daqs jew aħjar ⁽⁴⁾ mill-valuri ta' "kwalità tajba" stabbiliti fl-Anness I, Kolonna C; u
- 2) jekk l-ilma ta' l-għawm huwa soġġett għal tniġġis għal żmien qasir, bil-kondizzjoni li:
 - (i) ikunu qegħdin jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar, li jinkludu sorveljanza, sistemi ta' twissija bikrija u monitoraġġ, bil-għan li tiġi evitata l-espożizzjoni ta' l-għawwiema, permezz ta' twissija jew, fejn ikun neċessarju, projbizzjoni ta' l-għawm;
 - (ii) ikunu qegħdin jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar sabiex jiġu evitati, imnaqqsa jew eliminati l-kawżi ta' tniġġis; u
 - (iii) in-numru ta' kampjuni injorati skond l-Artikolu 3(6) minħabba tniġġis għal żmien qasir matul l-aħħar perjodu ta' stima rrapreżentaw mhux iktar minn 15 % tan-numru totali ta' kampjuni previsti fil-kalendarji ta' monitoraġġ stabbiliti għal dak il-perjodu, jew mhux iktar minn kampjun wieħed kull staġun ta' l-għawm, ikun liema jkun l-ikbar.

4. KWALITÀ EĊĊELLENTI

L-ilmijiet ta' l-għawm għandhom jiġu kklassifikati bħala "eċċellenti":

- 1) jekk, is-sett ta' *data* dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm għall-aħħar perjodu ta' stima, il-valuri perċentili għall-enumerazzjonijiet mikrobijoloġiċi huma daqs jew aħjar mill-valuri ta' "kwalità eċċellenti" stabbiliti fl-Anness I, Kolonna B; u

(1) "L-aħħar perjodu ta' stima" tfisser l-aħħar erba' staġuni ta' l-għawm, jew, fejn ikun applikabbli, il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 4(2) jew (4).

(2) Abbażi ta' stima perċentili tal-funzjoni tad-densità tal-probabbiltà normali \log_{10} tad-*data* mikrobijoloġika miqsuba mill-ilma ta' l-għawm partikulari, il-valur perċentili huwa kkalkolat kif ġej:

(i) Hu l-valur \log_{10} ta' l-enumerazzjonijiet kollha tal-batterji fis-sekwenza tad-*data* li għandha tiġi kkalkolata. (Jekk ikun miqsub valur żero, minflok, hu l-valur \log_{10} tal-limitu minimu ta' perċezzjoni tal-metodu analitiku li kien użat.)

(ii) Ikkalkula l-medja aritmetika tal-valuri \log_{10} (μ).

(iii) Ikkalkula d-devjazzjoni standard tal-valuri \log_{10} (σ).

Il-punt superjuri tad-90 perċentili tal-funzjoni tad-densità tal-probabbiltà tad-*data* hija derivata mill-ekwazzjoni li ġejja: 90^e -percentile superjuri = antilog ($\mu + 1,282 \sigma$).

Il-punt superjuri tad-95^e perċentili tal-funzjoni tad-densità tal-probabbiltà tad-*data* hija derivata mill-ekwazzjoni li ġejja: 95^e -percentile superjuri = antilog ($\mu + 1,65 \sigma$).

(3) "Agħar" tfisser valuri oġha ta' konċentrazzjoni espressi bħala CFU/100 ml.

(4) "Aħjar" tfisser valuri inferjuri ta' konċentrazzjoni espressi bħala CFU/100 ml.

- 2) jekk l-ilma ta' l-għawm ikun soġġett għal tniġġis għal żmien qasir, bil-kondizzjoni li:
- (i) ikunu qegħdin jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar, li jinkludu sorveljanza, sistemi ta' twissija bikrija u monitoraġġ, bil-għan li tiġi evitata l-espożizzjoni ta' l-għawwiema, permezz ta' twissija jew, fejn ikun neċessarju, projbizzjoni ta' l-għawm;
 - (ii) ikunu qegħdin jittieħdu miżuri adegwati ta' immaniġġjar sabiex jiġu evitati, imnaqqsqa jew eliminati l-kawżi ta' tniġġis; u
 - (iii) in-numru ta' kampjuni injorati skond l-Artikolu 3(6) minħabba tniġġis għal żmien qasir matul l-aħħar perjodu ta' stima rrapreżentaw mhux iktar minn 15 % tan-numru totali ta' kampjuni previsti fil-kalendarji ta' monitoraġġ stabbiliti għal dak il-perjodu, jew mhux iktar minn kampjun wieħed kull staġun ta' l-għawm, ikun liema jkun l-ikbar.
-

ANNEX III

IL-PROFIL TA' L-ILMA TA' L-GĦAWM

1. Il-profil ta' l-ilma ta' l-għawm imsemmi fl-Artikolu 6 għandu jikkonsisti f'li ġejjin:
- (a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi, ġeografiċi u idroloġiċi ta' l-ilma ta' l-għawm, u ta' ilmijiet oħra tal-wiċċ fil-baċin ta' l-ilma ta' l-għawm konċernat, li jistgħu ikunu sors ta' tniġġis, li huma rilevanti għall-għan ta' din id-Direttiva u kif previsti fid-Direttiva 2000/60/KE;
 - (b) identifikazzjoni u stima tal-kawżi ta' tniġġis li jistgħu jaffettwaw l-ilmijiet ta' l-għawm u jagħmlu ħsara għas-saħħa ta' l-għawwiema;
 - (c) stima tal-potenzjal għall-proliferazzjoni ta' ċjanobatterji;
 - (d) stima tal-potenzjal għall-proliferazzjoni ta' makro-alka u/jew fitoplankton;
 - (e) jekk l-istima skond il-punt (b) turi li hemm riskju ta' tniġġis għal żmien qasir, l-informazzjoni li ġeja:
 - in-natura, il-frekwenza u d-dewmien antiċipati tat-tniġġis mistenni għal żmien qasir,
 - id-dettalji ta' xi kawżi rimanenti ta' tniġġis, inklużi l-miżuri ta' immaniġġjar li ttieħdu u l-programm kronoloġiku għall-eliminazzjoni tagħhom,
 - il-miżuri ta' immaniġġjar li ttieħdu matul inċidenti ta' tniġġis għal żmien qasir u l-identità u d-dettalji ta' kuntatt ta' korpi responsabbli sabiex jieħdu tali azzjonijiet;
 - (f) il-post tal-punt ta' monitoraġġ.
2. Fil-każ ta' ilmijiet ta' l-għawm kklassifikati bħala "tajjeb", "suffiċjenti" jew "fqar", il-profil ta' l-ilma ta' l-għawm għandu jiġi rivedut regolarment biex jiġi stmat jekk inbidlux xi aspetti stabbiliti fil-paragrafu 1. Jekk ikun neċessarju, huwa għandu jiġi aġġornat. Il-frekwenza u l-ambitu tar-reviżjonijiet għandhom jiġu stabbiliti abbażi tan-natura u l-gravità tat-tniġġis. Madankollu, huma għandhom jikkonformaw mill-inqas mad-disposizzjonijiet u għandhom isiru mill-inqas bil-frekwenza speċifikata fit-tabella li ġeja.

Klassifikazzjoni ta' l-ilma ta' l-għawm	"Tajjeb"	"Suffiċjenti"	"Fqir"
Reviżjonijiet għandhom isiru minn ta' l-inqas kull	4 snin	3 snin	Sentejn
Aspetti li għandhom jiġu riveduti (punti tal-para. 1)	(a) sa (f)	(a) sa (f)	(a) sa (f)

Fil-każ ta' ilmijiet ta' l-għawm preċedement ikklassifikati bħala "eċċellenti", il-profil ta' l-ilma ta' l-għawm għandu jiġi rivedut u, jekk ikun neċessarju, aġġornat biss jekk il-klassifikazzjoni tinbidel għal "tajjeb", "suffiċjenti" jew "fqir". Ir-reviżjoni għandha tkopri l-aspetti kollha msemmija fil-paragrafu 1.

- 3. Fil-każ ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni sinifikanti jew tibdil sinifikanti fl-infrastruttura fil-viċinanzi ta' l-ilma ta' l-għawm, il-profil ta' l-ilma ta' l-għawm għandu jiġi aġġornat qabel il-ftuħ ta' l-istaġun ta' l-għawm li jmiss.
- 4. Meta jkun xieraq, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (a) u (b) għandha tiġi provduta fuq mappa dettaljata.
- 5. Informazzjoni rilevanti oħra tista' tkun mehmuża jew inkluża jekk l-awtorità kompetenti tqis li dan huwa meħtieġ.

ANNEX IV

MONITORAĠĠ TA' L-ILMA TA' L-GĦAWM

1. Kampjun wieħed għandu jittieħed ffit qabel il-bidu ta' kull staġun ta' l-għawm. B'kont meħud ta' dan il-kampjun żejjed u soġġett għall-paragrafu 2, għandhom jittieħdu u jiġu analizzati mhux inqas minn erba' kampjuni kull staġun ta' l-għawm.
 2. Madankollu, tliet kampjuni biss għandhom bżonn jittieħdu u jiġu analizzati kull staġun ta' l-għawm fil-każ ta' ilma ta' l-għawm li jew:
 - (a) għandu staġun ta' l-għawm li ma jaqbiżx it-8 ġimgħat; jonkella
 - (b) qiegħed f'reġjun soġġett għall-restrizzjonijiet ġeografiċi speċjali.
 3. Id-dati tal-ġbir ta' kampjuni għandhom jitqassmu matul l-istaġun kollu ta' l-għawm, bl-intervall bejn id-dati tal-ġbir ta' kampjuni qatt ma jeċċedi xahar.
 4. Fil-każ ta' tniġġis għal żmien qasir, għandu jittieħed kampjun wieħed addizzjonali biex jikkonferma li l-inċident intemm. Dan il-kampjun ma għandux ikun parti mis-sett ta' data dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm.
Jekk ikun neċessarju li jiġi sostitwit kampjun injorat, għandu jittieħed kampjun addizzjonali sebat'ijiem wara t-tmiem tat-tniġġis għal żmien qasir.
-

ANNEX V

REGOLI DWAR IT-TRATTAMENT TA' KAMPJUNI GĦALL-ANALIŻI MIKROBIJOLOĠIKA

1. IL-PUNT TAL-ĠBIR TAL-KAMPJUNI

Fejn ikun possibbli, il-kampjuni għandhom jittieħdu 30 ċentimetru taħt il-wieċ ta' l-ilma u filma li huwa mill-inqas metru fond.

2. STERILIZZAZZJONI TAL-FLIEXKEN TAL-KAMPJUNI

Il-fliexken tal-kampjuni għandhom:

- jiġu sterilizzati f'awtoklava għal mhux anqas minn 15-il minuta f'temperatura ta' 121 °C; jew
- issirilhom sterilizzazzjoni xotta f'temperatura ta' bejn 160 °C u 170 °C għal mhux anqas minn siegħa; jew
- ikunu kontenituri irradjati ta' kampjuni akkwistati direttament mingħand il-manifattur.

3. ĠBIR TA' KAMPJUNI

Il-volum tal-fliexkun/kontenitur tal-kampjuni għandu jiddependi mill-kwantità ta' l-ilma meħtieġa għall-eżami ta' kull parametru. Il-kontenut minimu huwa ġeneralment ta' 250 ml.

Il-kontenituri tal-kampjuni għandhom ikunu ta' materjal trasparenti u mhux ikkolorit (ħġieġ, politin jew polipropelin).

Sabiex tiġi evitata kontaminazzjoni aċċidentali tal-kampjun, min jieħu l-kampjun għandu juża teknika aseptika biex jippreserva l-isterilità tal-fliexken tal-kampjuni. Jekk dan isir sewwa ma jkunx hemm aktar bżonn ta' tagħmir sterili (bħal ingwanti kirurġiċi sterili jew pinzetti jew il-virga tal-kampjuni).

Il-kampjun għandu jiġi identifikat b'mod ċar b'linka permanenti fuq il-kampjun u fuq il-formola tal-ġbir ta' kampjuni.

4. IL-ĦAŻNA U T-TRASPORT TA' KAMPJUNI QABEL L-ANALIŻI

Il-kampjuni ta' l-ilma għandhom jiġu protetti fl-istadji kollha tat-trasport mill-espożizzjoni għad-dawl, b'mod partikulari d-dawl tax-xemx dirett.

Il-kampjun għandu jiġi ppreservat f'temperatura ta' madwar 4 °C, f'kaxxa mkessħa jew friġġ (skond il-klima) sal-wasla tiegħu fil-laboratorju. Jekk it-trasport lejn il-laboratorju probabbilment jieħu iktar minn 4 sigħat, huwa meħtieġ trasport fi friġġ.

Il-perjodu bejn il-ġbir ta' kampjuni u l-analiżi għandu jinżamm qasir kemm jista' jkun. Huwa rakkomandat li l-kampjuni jiġu analizzati fl-istess ġurnata ta' xogħol. Jekk dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet prattiċi, il-kampjuni għandhom jiġu pproċessati fi żmien ta' mhux iktar minn 24 siegħa. Sadanittant, huma għandhom jinħażnu fid-dlam u f'temperatura ta' 4 °C ± 3 °C.

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni adottat il-proposta ⁽¹⁾ tagħha għal Direttiva ġdida dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm f'Ottubru 2002 u l-proposta emendata tagħha f'April 2004.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu ta' l-ewwel qari f'Ottubru 2003 ⁽²⁾.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-Opinjoni tiegħu f'Ġunju 2003 ⁽³⁾.

Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-Opinjoni tiegħu f'April 2003 ⁽⁴⁾.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu fl-20 ta' Diċembru 2004.

II. GĦAN

Id-Direttiva l-ġdida jkollha l-effett li tassar u tissostitwixxi d-Direttiva 76/160/KEE. L-għan tagħha hu li ttejjeb il-protezzjoni tas-saħħa pubblika billi ssaħħa l-istandards għall-kwalità ta' ilma ta' l-għawm u timmodernizza l-qafas legali għall-amministrazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, hija:

- tikkomplementa d-Direttiva 2000/60/KE (id-“Direttiva kwadru dwar l-ilma”);
- tnaqqas il-parametri li għandhom jirċievu monitoraġġ għall-finijiet tal-klassifikazzjonijiet tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm u tintroduċi metodoloġija ġdida ta' klassifikazzjoni;
- tiegħu kont ta' miżuri ta' amministrazzjoni pro-attivi, mhux biss riżultati statistiċi;
- ittejjeb l-informazzjoni dwar l-ilmijiet ta' l-għawm li hija disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz ta' profili ta' l-ilma ta' l-għawm.

III. ANALIŻI TAL-POSIZZJONI KOMUNI

1. Ġenerali

Il-pożizzjoni komuni tinkorpora l-maġġoranza ta' l-emendi ta' l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, verbatim, parzjalment jew fl-ispiritu. Madankollu, ma tirriflettix numru ta' emendi minħabba:

- inkonsistenza mal-kliem ta' l-Artikolu 174 tat-Trattat (emenda 1);
- li fil-fehma tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kien ikollhom l-effett li jidduplikaw mingħajr bżonn ħtiġiet eżistenti tad-Direttiva kwadru dwar l-ilma (l-emendi 2 u 58, 4, 16 u 33); jew
- li l-Kunsill ikkunsidrahom superfluwi u li jistgħu potenzjalment joħlqu konfużjoni (l-emendi 6, 8 u 12).

Hija tinkludi wkoll numru ta' bidliet oħra. Is-sezzjonijiet li ġejjin jiddeskrivu l-bidliet ta' sustanza. Barra minn dan, hemm bidliet ta' abbozzar biex jikkjarifikaw it-test jew biex jiżguraw il-koeżjoni ġenerali tad-Direttiva.

2. Għan, firxa ta' applikazzjoni u definizzjonijiet (Artikoli 1 u 2)

L-Artikolu 1(1) huwa konsistenti b'mod parzjali ma' l-emenda 65 tal-Parlament Ewropew. Madankollu, il-Kunsill ma jistax jaqbel li l-firxa ta' applikazzjoni tad-Direttiva tiġi estiża lil hinn mill-għawm biex japplika għal *attivitàet rikreattivi oħra*. B'konsegwenza, il-pożizzjoni komuni ma tinkludi ebda referenza għal tali attivitàet u ma tinkorporax l-emendi 5, 7 jew 22.

Id-definizzjoni ta' “ilma ta' l-għawm” issa tidher fl-Artikolu 1(3), minħabba li dan it-terminu jiddefinixxi l-firxa ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU C 45 E, ta' 25.2.2003, p. 127.

⁽²⁾ ĠU C 82 E, ta' 1-1.4.2004, p. 115.

⁽³⁾ ĠU C 220, tas-16.9.2003, p. 39.

⁽⁴⁾ ĠU C 244, ta' 1-10.10.2003, p. 31.

L-Artikolu 2 jinkorpora aktar definizzjonijiet mid-Direttiva kwadru dwar l-ilma u huwa konsistenti ma' l-emenda 10 tal-Parlament Ewropew. Huwa jiddefinixxi wkoll termini ċentrali oħra, li huma "awtorità kompetenti", "permanenti", "numru kbir", "tniġġis", "tniġġis għal perijodu qasir", "proliferazzjoni ċjanobatterjali" u "pubbliku kkonċernat".

3. **Monitoraġġ** (l-Artikolu 3 u l-Annessi IV u V)

L-Artikolu 3 huwa ġeneralment konsistenti ma' l-emendi 11, 52 u 54 tal-Parlament Ewropew, iżda jipprovdi iżjed flessibilità fir-rigward tal-lokalizzazzjoni tal-punt ta' monitoraġġ. Huwa fih ukoll disposizzjonijiet dwar tniġġis għal perijodu qasir u jipprovdi għall-użu ta' metodi u regoli ekwivalenti taħt ċerti kondizzjonijiet, li wħud minnhom jistgħu jiġu kkjarifikati permezz tal-komitoloġija.

L-Anness IV jipprovdi għal ħtieġa miżjuda ta' teħid minimu ta' kampjuni meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, sabiex tiżdied l-affidabilità tal-metodoloġija statistika. Madankollu, huwa jagħmel ukoll konċessjonijiet għall-istaġuni ta' l-għawm partikolarment qosra prevalenti fit-tramuntana ta' l-UE u għal restrizzjonijiet ġeografiċi speċjali (eż., gżejjer imbiegħda). M'għadx hemm kwalunkwe rabta diretta bejn il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni u l-klassifikazzjoni.

L-Anness V huwa konsistenti ma' l-emenda 35 u, b'mod parzjali, ma' l-emenda 75 tal-Parlament Ewropew.

4. **Valutazzjoni tal-kwalità** (l-Artikolu 4)

Il-pożizzjoni komuni tadotta 4 staġuni ta' l-għawm bħala l-perijodu normali ta' stima, iżda tipprovdi lill-Istati Membri l-possibilità li jagħżlu perijodu ta' 3 staġuni taħt ċerti kondizzjonijiet. Hija tindika n-numru minimu ta' kampjuni meħtieġa u ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jseħħu s-suddiviżjoni jew il-ġbir flimkien ta' ilmijiet ta' l-għawm.

5. **Klassifikazzjoni u status tal-kwalità** (l-Artikolu 5 u l-Annessi I u II)

L-Artikolu 5 jinkorpora diversi *innovazzjonijiet ċentrali* mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. B'mod partikolari huwa jkollu l-effett li:

- jiddifferixxi l-applikazzjoni mandatorja ta' l-iskema l-ġdida ta' klassifikazzjoni sa l-2015 (biex ikun hemm konsistenza ma' l-iskeda ta' żmien tad-Direttiva Kwadru dwar l-ilma);
- jintroduċi klassifikazzjoni ġdida ("suffiċjenti") li tipprovdi ta' l-inqas l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa bħall-ħtiġiet minimi tad-Direttiva eżistenti u taġixxi bħala tarġa lejn kwalità "tajba" jew "eċċellenti"; u
- jikkjarifika ċ-ċirkostanzi li fihom ilmijiet ta' l-għawm jistgħu jiġu temporanjament ikklassifikati bħala ta' kwalità "ħażina" (inkluż permezz ta' kliem konsistenti ma' l-għan ta' l-emenda 17 tal-Parlament Ewropew).

L-Anness I għandu jipprovdi biex il-klassifikazzjonijiet iseħħu abbażi ta' żewġ *parametri mikrobijoloġiċi*. Htgiet li jikkonċernaw tipi oħra ta' tniġġis għandhom jibqgħu (l-Artikolu 9), iżda ma jkollhomx effett fuq il-klassifikazzjoni. Għalhekk il-pożizzjoni komuni ma tinkorporax l-emenda 31 tal-Parlament Ewropew.

L-Anness I jipprovdi għal valutazzjonijiet ibbażati kemm fuq perċentwal ta' 95 kif ukoll ta' 90. Il-valuri ta' limitu għall-klassifikazzjonijiet ta' "eċċellenti" u "tajjeb" ikunu bbażati fuq valutazzjoni ta' perċentwal ta' 95, filwaqt li dawk għal "suffiċjenti" jkunu bbażati fuq valutazzjoni ta' perċentwal ta' 90 sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' anomaliji statistiċi meta jintuża sett ta' *data* żgħir.

Hemm valuri ta' limitu distinti għall-ilmijiet interni u dawk tal-kosta. L-evidenza xjentifika disponibbli bħalissa tindika li l-preżenza ta' l-istess livell ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika tirrappreżenta riskju għas-saħħa ogħla fl-ilma mielaħ milli fl-ilma ħelu.

L-intestatura tal-kolonna E hija konsistenti ma' l-emenda 57 tal-Parlament Ewropew.

L-Anness II huwa konsistenti mal-prinċipju wiesa' li huwa l-bażi ta' l-emenda 19 tal-Parlament Ewropew, fis-sens li jipprovdi li *tniġġis għal żmien qasir* m'għandux jaffettwa l-klassifikazzjoni ta' ilma ta' l-għawm jekk l-awtorità kompetenti tiegħu miżuri xierqa biex tippoteġi s-saħħa ta' l-għawwiema.

6. **Profil ta' ilma ta' l-għawm** (l-Artikolu 6 u l-Anness III)

Il-pożizzjoni komuni tikkjarifika li jista' jkun hemm profil wieħed għal ilmijiet ta' l-għawm imniġġsa. Hija testendi t-terminu ta' żmien għall-istabbiliment ta' l-ewwel profili u l-intervall bejn ir-reviżjonijiet, b'rikonoxximent għall-ammont ta' xogħol involut.

L-Anness III huwa konsistenti ma' l-emendi 32 u 34 tal-Parlament Ewropew.

7. **Parteċipazzjoni tal-pubbliku** (l-Artikolu 11)

Il-pożizzjoni komuni hija konsistenti ma' parti mill-emenda 20 tal-Parlament Ewropew. Id-definizzjoni ta' "pubbliku kkonċernat" fl-Artikolu 2 tinkludi b'mod ċar partijiet interessati fuq il-livell lokali. Il-bqija ta' l-emenda hija superfluwa minħabba l-Artikolu 18 u d-Direttiva 2003/4/KE.

8. **Informazzjoni lill-pubbliku** (l-Artikolu 12)

Il-pożizzjoni komuni tiġbor flimkien l-Artikolu uniku l-ħtiġiet ġenerali kollha biex il-pubbliku jiġi infurmat. Dawn il-ħtiġiet huma konsistenti ma' l-għanijiet ta' l-emendi 15 u 18 tal-Parlament Ewropew.

Billi thegġegħ l-użu ta' sinjali u sinjalazzjonijiet u billi ttiprovdi għall-adozzjoni ta' regoli armonizzati f'dan il-qasam permezz tal-komitoloġija (l-Artikoli 12(4) u 15(1)(b)), il-posizzjoni komuni hija parzjalment konsistenti ma' l-għanijiet ta' l-emendi 21, 23 u 27 (u, bil-qari ta' dawn id-disposizzjonijiet flimkien ma' l-Artikolu 7, l-emenda 24).

Hija konsistenti wkoll ma' l-emenda 26 u parti mill-emenda 25 fis-sens li teħtieġ li l-informazzjoni tkun disponibbli fil-pront fuq l-internet.

9. **Rapport u reviżjoni** (l-Artikolu 14)

Il-Kunsill jaqbel mal-Parlament Ewropew li l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni u t-tħaddim tad-Direttiva. Il-posizzjoni komuni hija għalhekk konsistenti ma' l-għan ta' l-emenda 28. Madankollu, hija tispeċifika ċerti kwistjonijiet importanti li r-rapport tal-Kummissjoni għandu jin-dirizza, b'mod partikolari:

- ir-riżultati ta' l-istudju epidemjoloġiku li l-Kummissjoni għandha twettaq b'urġenza biex tikseb ċertezza xjentifika akbar dwar riskji għas-saħħa assoċjati ma' l-għawm, partikolarment fl-ilma ħelu;
- rakkomandazzjonijiet tal-WHO, li jkunu jikkorrispondu mal-klassifikazzjoni "tajjeb" aktar milli mal-ħtiġiet minimi tad-Direttiva.

10. **Komitoloġija** (l-Artikoli 15 u 16)

Il-pożizzjoni komuni fiha disposizzjoni unika li telenka d-deċizzjonijiet tekniċi li jistgħu jittieħdu permezz tal-komitoloġija (l-Artikolu 15).

Madankollu, il-Kunsill jemmen li dawn id-deċizzjonijiet m'għandhomx ikunu mandatorji. Barra minn hekk, ma jistax jaqbel maż-żieda ta' parametri ġodda dwar skoperti ta' virus permezz tal-komitoloġija. Konsegwentement, il-pożizzjoni komuni ma tinkorporax l-emendi 29 u 30 tal-Parlament Ewropew.

11. Oħrajn

Barra minn hekk il-posizzjoni komuni fiha:

- regoli simplifikati dwar miżuri ta' risposta f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li l-firxa ta' applikazzjoni tagħhom issa hija l-istess bħal dik tal-bqija tad-Direttiva (l-Artikolu 7); u
- htiġa għall-Istati Membri biex iwettqu monitoraġġ xieraq u biex jieħdu miżuri ta' amministrazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika minn riskji ċjanobatterjali (l-Artikolu 8).

IV. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni komuni tirrappreżenta pakkett bilanċjat ta' miżuri li jkun jippermetti aġġornament ferm meħtieġ tar-regoli tal-Komunità dwar il-kwalità ta' ilma ta' l-għawm u ttejjeb il-livell tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika b'mod gradwali u raġonevoli mingħajr ma jitqiegħed piż inutli fuq l-awtoritajiet konċernati. Huwa jstenna bil-ħerqa diskussjonijiet kostruttivi mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb ta' l-adozzjoni bikrija tad-Direttiva.

POSIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 15/2005
adottata mill-Kunsill fit-22 ta' Diċembru 2004

bil-ksieb li jaddotta r-Regolament (KE) Nru .../2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni, fir-rigward ta' l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni għal vetturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/C 111 E/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71(1)(d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

(1) L-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għal vetturi ⁽³⁾ jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u jistgħu jiskambjaw informazzjoni fuq livell bilaterali jew multilaterali, b'mod partikolari sabiex jivverifikaw, qabel kwalunkwe reġistrazzjoni ta' vettura, l-istatus legali ta' din ta' l-aħħar, fejn meħtieġ fl-Istat Membru fejn kienet reġistrata qabel. Tali verifika tista' b'mod partikolari tinvolvi l-użu ta' retikolat elettroniku.

(2) Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("is-SIS"), stabbilita skond it-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' l-1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni ⁽⁴⁾ (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990") u integrata fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea skond il-Protokoll anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, tikkostitwixxi retikolat elettroniku bejn l-Istati Membri u fiha, *inter alia*, data dwar vetturi bil-mutur

b'ċilindrata ta' l fuq minn 50cc li ġew misruqa, approprijati indebitament jew mitlufa. Skond l-Artikolu 100 tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990, id-data dwar tali vetturi bil-mutur imfittxija għall-finijiet ta' qbid jew ta' użu bħala prova fi proċedimenti kriminali tiddaħħal fis-SIS.

(3) L-inizzjattiva tar-Renju ta' l-Olanda bil-ksieb li tiġi adottata Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità fuq il-vetturi b'implikazzjonijiet transfruntieri ⁽⁵⁾ tinkludi l-użu tas-SIS bħala parti integrali ta' l-istrateġija ta' l-infurzar tal-liġi kontra l-kriminalità fuq il-vetturi.

(4) Skond l-Artikolu 101(1) tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990, l-aċċess għal data mdaħħla fis-SIS u d-dritt ta' tfittxija ta' tali data direttament huma riservati esklussivament għall-awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli fuq il-fruntieri u kontrolli oħra tal-pulizija u tad-dwana mwettqa fil-pajjiż, u mill-koordinazzjoni ta' tali kontrolli.

(5) L-Artikolu 102(4) tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990 jstabbilixxi li d-data ma tistax, bħala prinċipju, tin-tuża għal finijiet amministrattivi.

(6) Is-servizzi responsabbli fl-Istati Membri għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni għal vetturi u identifikati b'mod ċar għal dan il-għan għandu jkollhom aċċess għad-data imdaħħla fis-SIS dwar vetturi bil-mutur b'ċilindrata ta' l fuq minn 50cc, karrijiet u karavans li meta vojta jiżnu aktar minn 750 kg u dwar ċertifikati ta' reġistrazzjoni u pjanċi tan-numru ta' vettura li ġew misruqa, approprijati indebitament, mitlufa jew invalidati, sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw jekk il-vetturi lilhom ippreżentati għar-reġistrazzjoni ġewx misruqa, approprijati indebitament jew mitlufa. Għal dak il-għan huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli li jaġhtu lil dawk is-servizzi aċċess għal dik id-data, u li jiġi permess lilhom jużaw dik id-data għall-iskop amministrattivi tal-ħruġ korrett ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi.

⁽¹⁾ ĠU C 110, tat-30.4.2004, p.1.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-1 ta' April 2004 (ĠU C 103 E, tad-29.4.2004, p. 794) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta'...

⁽³⁾ ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, p. 57. Direttiva l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/127/KE (ĠU L 10, tas-16.1.2004, p.29).

⁽⁴⁾ ĠU L 239, tat-22.9.2000, p. 19. Konvenzjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 871/2004 (ĠU L 162, tat-30.4.2004, p.29).

⁽⁵⁾ ĠU C 34, tas-7.2.2004, p. 18.

- (7) Hija responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li f'każ ta' riżultat pożittiv, jittieħdu l-miżuri previsti skond l-Artikolu 100(2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990.
- (8) Ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) tindika numru ta' kwistjonijiet u kunsiderazzjonijiet importanti rigward l-iżvilupp tas-SIS, b'mod partikolari rigward l-aċċess għas-SIS minn korpi privati bħal servizzi ta' reġistrazzjoni tal-vetturi.
- (9) Safejn is-servizzi fl-Istati Membri, responsabbli għall-hru ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni għall-vetturi, mhumiex servizzi governattivi, l-aċċess għas-SIS għandu jingħata b'mod indirett, jiġifieri permezz ta' l-intermedjazzjoni ta' awtorità kif imsemmi fl-Artikolu 101(1) tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990 responsabbli biex tiżgura konformità mal-miżuri meħuda minn dawn l-Istati Membri skond l-Artikolu 118 ta' dik il-Konvenzjoni.
- (10) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi rigward l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ⁽¹⁾, kif ukoll ir-regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* fid-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990, li jissupplimentaw jew jiċċaraw il-prinċipji stabbiliti f'dik id-Direttiva, japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali mis-servizzi responsabbli fl-Istati Membri għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni għall-vetturi.
- (11) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-għoti ta' aċċess għas-SIS lis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni għall-vetturi, sabiex jiġu faċilitati l-kompiti tagħhom skond id-Direttiva 1999/37/KE, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri minħabba in-natura stess tas-SIS bħala sistema ta' informazzjoni konġunta, u jista' għalhekk jintlaħaq biss fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.
- (12) L-Istati Membri għandu jkollhom perjodu suffiċjenti li fih jieħdu l-miżuri prattiċi meħtieġa biex jiġi applikat dan ir-Regolament.

- (13) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-disposizzjonijiet ta' l-aċquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-aċquis ta' Schengen ⁽²⁾.
- (14) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.
- (15) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-aċquis ta' Schengen jew li huwa b'mod ieħor marbut miegħu fis-sens ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu li ġej għandu jiġi mdaħħal fit-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990:

“Artikolu 102a

1. Minkejja l-Artikoli 92(1), 100(1), 101(1) u (2), 102(1), (4) u (5), is-servizzi fl-Istati Membri responsabbli mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni għall-vetturi, kif imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi ^(*), għandhom ikollhom id-dritt għall-aċċess għad-*data* li ġejja, imdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, għall-iskop uniku li jivverifikaw jekk il-vetturi lillhom ippreżentati għar-reġistrazzjoni ġewx misruqa, approprijati indebitament jew mitlufa:

- data* dwar vetturi bil-mutur b'ċilindrata 'l fuq minn 50cc, li ġew misruqa, approprijati indebitament jew mitlufa;
- data* dwar karrijiet u karavanns li vojta jiżnu aktar minn 750 kg, li ġew misruqa, approprijati indebitament jew mitlufa;
- data* dwar ċertifikati ta' reġistrazzjoni ta' vetturi u pjanċi tan-numru li ġew misruqa, approprijati indebitament, mitlufa jew invalidati.

Soġġett għall-paragrafu 2, il-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru għandha tirregola l-aċċess għal dik id-*data* minn dawk is-servizzi.

⁽¹⁾ ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p.1).

⁽²⁾ ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, p. 31.

2. Is-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu servizzi tal-gvern għandhom ikollhom id-dritt li jfittxu direttament id-*data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imsemmija f'dak il-paragrafu.

Is-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkunux servizzi tal-gvern għandhom ikollhom aċċess għad-*data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imsemmija f'dak il-paragrafu biss permezz ta' l-intermedjazzjoni ta' awtorità kif imsemmi fl-Artikolu 101(1). Dik l-awtorità għandu jkollha d-dritt li tfittex direttament id-*data* u tgħaddiha lil dawk is-servizzi. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li dawk is-servizzi u l-impjegati tagħhom ikunu obbligati jirrispettaw kwalunkwe limitazzjoni fuq l-użu permissibbli ta' *data* mgħoddija lilhom mill-awtorità.

3. L-Artikolu 100(2) ma għandux japplika għal tfittxija magħmula skond dan l-Artikolu. Il-komunikazzjoni mis-servizzi kif imsemmi fil-paragrafu 1 lill-awtoritajiet tal-pulizija jew lill-awtoritajiet gūidizzjarji, ta' informazzjoni li tirriżulta minn tfittxija tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen li toħloq is-suspett ta' reat kriminali għandha tkun regolata mil-liġi nazzjonali.

(*) ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, p. 57. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/127/KE (ĠU L 10, tas-16.1.2004, p. 29)."

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika minn ... (*).

3. Għal dawk l-Istati Membri li fihom għadhom ma japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen dwar is-SIS, dan ir-Regolament għandu japplika fi żmien sitt xhur wara d-data li fiha dawk id-disposizzjonijiet jiddaħħlu fis-seħħ għalihom, kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill ... adottata għal dan il-għan skond il-proċeduri applikabbli.

4. Il-kontenut ta' dan ir-Regolament għandu jorbot lin-Norveġja 270 jum wara d-data ta' publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

5. Minkejja ir-rekwiżiti ta' notifika stabbiliti fl-Artikolu 8 (2)(ċ) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen man-Norveġja u l-Iżlanda ⁽¹⁾, in-Norveġja għandha, qabel id-data msemmija fil-paragrafu 4, tinnotifika lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li r-rekwiżiti kostituzzjonali sabiex tintrabat bil-kontenut ta' dan ir-Regolament ġew sodisfatti.

(*) Sitt xhur mill-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(¹) ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, p. 36.

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL**INTRODUZZJONI**

1. Fit-3 ta' Settembru 2003, il-Kummissjoni għaddiet lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni fir-rigward ta' aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni għall-vetturi.
2. Il-Coreper ikkonferma l-ftehim politiku dwar dan l-abbozz tar-Regolament fid-9 ta' Novembru 2004. Wara reviżjoni legali/lingwistika, il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni komuni tiegħu. 22 ta' Diċembru 2004

EMENDI

3. Il-Parlament ta l-Opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ fl-1 ta' April 2004, fejn ippropona 10 emendi ⁽²⁾.
4. L-emendi kollha proposti mill-Parlament u aċċettabbli għall-Kummissjoni (l-emendi nru. 1, 2, 3, 5, 6 u 7) ġew integrati fit-test. L-emenda 8, li hija rapurtata bħala inaċċettabbli mill-Kummissjoni ⁽³⁾ imma dwar liema s-servizzi tal-Kummissjoni indikaw li hija aċċettabbli, ġiet ukoll imdaħħla fil-pożizzjoni komuni.
5. L-emendi l-oħra (l-emendi 4, 10 u 11), li ma kinux aċċettabbli għall-Kummissjoni, ma ġewx inklużi fil-pożizzjoni komuni għax huwa kkunsidrat li l-abbozz tar-Regolament attwali ma jipprovdi il-bażi legali korretta u suffiċjenti għal dawn id-disposizzjonijiet.
6. Dwar l-emenda 4, madankollu, il-Kunsill huwa konxju tal-fatt li l-abbozzar attwali tar-Regolament jissoponi li d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu, saru applikabbli qabel ma r-Regolament jidħol fis-seħħ. Ladarba hemm ftehim dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u l-adozzjoni tagħha hija suġġetta biss għat-tneħħija ta' riserva parlamentari waħda li baqa' mhux solvuta, il-Kunsill jixtieq iżomm it-test attwali. Din il-kwistjoni ser tiġi eżaminata bir-reqqa għal darb'oħra fit-tieni qari, fid-dawl tal-progress magħmul f'dak il-mument dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.

⁽¹⁾ ĠU C 103 E, tad-29.4.2004, p. 794.

⁽²⁾ Ir-riżultat ta' l-ewwel qari tal-Parlament huwa stabbilit fid-dokument 7965/04 CODEC 485 SIRIS 49 COMIX 231.

⁽³⁾ Ara d-dokument 7965/04 CODEC 485 SIRIS 49 COMIX 231.

POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 16/2005**adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2005****bil-għan li tiġi adottata Direttiva 2005/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- ... temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur****(Test b'rilevanza għaċ-ŻEE)**

(2005/C 111 E/03)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali⁽¹⁾,Waqf li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁽²⁾,

Billi:

- (1) Ir-riċerka wriet li l-użu taċ-ċinturini tas-sigurtà u s-sistemi tat-trażżin jistgħu jikkontribwixxu għal tnaqqis sostanzjali fin-numru ta' mwiet u fil-gravità tal-korrimenti fil-każ ta' inċident, anke f'każi fejn jinqalbu l-vetturi. Il-preżenza tagħhom fil-kategoriji kollha ta' vetturi ikun żgur pass importanti 'il quddiem biex tiżdied is-sigurtà fit-toroq u, għaldaqstant jiġu salvati aktar ħajjiet.
- (2) Jista' jinkiseb benefiċċju sostanzjali għas-soċjetà, li kieku l-vetturi kollha jkunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà.
- (3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Frar 1986 dwar miżuri komuni biex jitnaqqsu l-inċidenti fit-toroq, bħala parti mill-programm tal-Komunità għas-sigurtà fit-toroq⁽³⁾, il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li jsir obligatorju għal kull passiġġier li jilbes iċ-ċinturin tas-sigurtà, inklużi t-tfal, ħlief f'vetturi ta' servizz pubbliku. Għaldaqstant, għandha ssir distinzjoni bejn karożżi tal-linja li jaġhtu servizz pubbliku u vetturi oħra rigward l-installazzjoni obligatorja ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin.
- (4) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom⁽⁴⁾, is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip ġiet implimentata biss għall-vetturi ġodda kollha tal-kategorija M₁ mill-1 ta'

Jannar 1998. B'konsegwenza, dawn il-vetturi biss għandhom ikunu mgħammra b'ankoraġġi intiżi għal ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin li jissodifaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE⁽⁵⁾.

- (5) Sakemm is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip tiġi estiża għall-kategoriji kollha tal-vetturi, l-installazzjoni ta' ankoraġġi intiżi għal ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin għandha tkun meħtieġa, fl-interess tas-sigurtà fit-toroq, f'vetturi li jaqgħu taħt kategoriji oħra minbarra M₁.

- (6) Id-Direttiva 76/115/KEE diġà tipprovdi għad-disposizzjonijiet tekniċi u amministrattivi kollha li jippermettu l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ta' kategoriji oħra minbarra M₁. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jeħtieġux l-introduzzjoni ta' disposizzjonijiet ulterjuri.

- (7) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/KEE tas-17 ta' Ġunju 1996 li tadatta għall-progress tekniċu d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE li għandha x' taqsm ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur, bosta Stati Membri diġà għamlu obligatorji d-disposizzjonijiet li hemm fiha fir-rigward ta' ċerti kategoriji oħra ta' vetturi minbarra M₁. Għaldaqstant, il-manifatturi u l-fornituri tagħhom żviluppaw teknoloġija xierqa.

- (8) Id-Direttiva 76/115/KEE għandha tiġi hekk emendata.

- (9) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fit-toroq bl-introduzzjoni tat-tagħmir obligatorju b'ċinturini tas-sigurtà f'ċerti kategoriji ta' vetturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għallhekk, minħabba d-daqs ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,

⁽¹⁾ ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 8.⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2003 (ĠU C 91 E, tal-15.4.2004, p. 496), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Jannar 2004 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-... (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).⁽³⁾ ĠU C 68, ta' l-24.3.1986, p. 35.⁽⁴⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/78/KE (ĠU L 153, tat-30.4.2004, p. 103).⁽⁵⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1976, p.6. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/EC (ĠU L 187, tas-26.7.1996, p. 95).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 2

Miżuri previsti għal persuni b'disabbiltà

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 76/115/KEE

Id-Direttiva 76/115/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

“Vetturi tal-kategorija M_2 u M_3 għandhom ikunu suddiviżi fi klassijiet kif spjegat fis-sezzjoni 2 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-disposizzjonijiet speċjali għal vetturi wżati għat-trasport ta' pasiġġieri li jkollhom aktar minn tminn sedili minbarra dak tas-sew-wieq (*).

(*) ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1.”

(2) L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) punt 1.9. għandu jiġi mħassar;

(b) punt 4.3.1 għandu jinbidel bis-segwenti:

“4.3.1. Vetturi tal-kategoriji M_1 , M_2 (ta' klassi III jew B), M_3 (ta' klassi III jew B), u N iridu jkunu mgħammra b'ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà li jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.”;

(c) punt 4.3.8 għandu jiġi mibdul bis-segwenti:

“4.3.8. Għal postijiet bilqiegħda intiżi biss għall-użu meta l-vettura tkun wieqfa, kif ukoll sedili ta' kwalunkwe vettura mhux koperti mill-punti 4.3.1. sa 4.3.5., ma hemm bżonn ebda ankoraġġ għaċ-ċinturini tas-sigurtà. Jekk il-vettura hija mgħammra b'ankoraġġi għal tali sedili, dawn għandhom jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Madankollu, kwalunkwe ankoraġġ intiż biss għall-użu flimkien ma' ċinturin tas-sigurtà għal persuni b'disabbiltà jew kwalunkwe sistema oħra ta' trażżin imsemmija fl-Artikolu 2a tad-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE tat-28 ta' Ġunju ta' l-1977 dwar l-approssimazzjoni tal-lijijiet ta' l-Istati Membri dwar ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin f'vetturi bil-mutur (*), m'hemmx bżonn li jkunu konformi mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva kemm-il darba jkun ddisinjat u mibni skond il-ħtiġijiet legali nazzjonali biex jipprovdu l-ogħla livell prattiku ta' sigurtà.

(*) ĠU L 220, tad-29.8.1977, p.95. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.”

Mhux iżjed tard mill-... (*), il-Kummissjoni għandha teżamina proċeduri speċifiċi biex jiġu armonizzati l-ħtiġijiet għal ankoraġġi intiżi biss għall-użu flimkien ma' ċinturin tas-sigurtà għal persuni b'disabbiltà jew kwalunkwe sistema oħra ta' trażżin imsemmija fl-Artikolu 2a tad-Direttiva 77/541/KEE, ibbażati fuq standards internazzjonali eżistenti u ħtiġijiet legali nazzjonali, sabiex jagħtu livell ta' sigurtà ekwivalenti għal din id-Direttiva. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' miżuri. Emendi għal din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f'konformità ma' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 3

Implimentazzjoni

1. Mill-... (**), fir-rigward ta' l-ankoraġġi għal ċinturini tas-sigurtà, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 76/115/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx:

(a) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE, jew approvazzjoni ta' tipi nazzjonali, rigward it-tip ta' vettura;

(b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda.

2. B'effett mill-... (***), fir-rigward ta' l-ankoraġġi għal ċinturini tas-sigurtà, li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 76/115/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' tip ġdid ta' vettura:

(a) ma jibqgħux jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE;

(b) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

3. Mill-... (****), fir-rigward ta' l-ankoraġġi għal ċinturini tas-sigurtà li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 76/115/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom:

(a) jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda bħala li m'għadhomx validi għall-għan ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE;

(b) jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda, ħlief f'każijiet fejn jiġu invokati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

(*) 24 xahar wara d-data msemmija fl-Artikolu 4(2).

(**) Data msemmija fl-Artikolu 4(2).

(***) Sitt xhur wara d-data msemmija fil-paragrafu 1.

(****) Tmintax-il xahar wara d-data msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4***Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel... (*). Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.
2. Għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet minn ... (**).
3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza meta jkunu ppublikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.
4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5***Id-Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6***Id-Destinatari**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

(*) Sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Sitt xhur u jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva proposta, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-20 ta' Ġunju 2003 ⁽¹⁾, hija bbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta Opinjoni ⁽²⁾ fl-10 ta' Diċembru 2003.

Il-Parlament Ewropew temm l-ewwel qari tiegħu u ta Opinjoni fis-17 ta' Diċembru 2003 ⁽³⁾.

Fl-24 ta' Jannar 2005 l-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu kif stabbilita fid-dok. 11933/04.

II. L-GĦAN

Id-Direttiva proposta għandha l-għan li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward ankoraġġi għaċ-ċinturini ta' sigurtà ta' vetturi bil-mutur sabiex jiġi impost l-immuntar ta' ċinturini ta' sigurtà fil-vetturi bil-mutur li mhumiex karozzi tal-passiġġieri.

Iż-żewġ Direttivi li ġejjin jikkonċernaw ukoll l-istallazzjoni ta' ċinturini ta' sigurtà fir-rigward ta' vetturi:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE tat-22 ta' Lulju 1974, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/37/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward sedili għall-vetturi bil-mutur;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/3/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin ta' vetturi bil-mutur.

Bil-ħsieb ta' l-istallazzjoni obligatorja ta' ċinturini ta' sigurtà fil-vetturi kollha, il-Kummissjoni ppropo-
niet li temenda t-tliet Direttivi simultanjamment, għal raġunijiet tekniċi.

B'kont meħud li l-għan aħħari ta' l-azzjoni proposta hu li titjeb is-sigurtà fit-toroq, id-Direttivi għand-
hom jiġu adottati fl-istess ħin u jiġu implimentati fl-istess data.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

1. Ġenerali

Fil-Pożizzjoni Komuni li ġiet adottata unanimament, il-Kunsill:

- immodifika Artikolu 1, sabiex jippermetti lill-Istati Membri li jeżentaw l-ankoraġġi għaċ-ċinturini ta' sigurtà u għal sistemi ta' trażżin intiżi għal persuni b'diżabbiltà milli jikkonformaw mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva;
- żied artikolu ġdid biex jistieden lill-Kummissjoni teżamina proċeduri speċifiċi biex jiġu armoniz-
zati l-ħtiġiet għal persuni b'diżabbiltà;
- ippospona diversi dati ta' dħul fis-seħħ fl-Artikolu 3;
- irrifjuta l-4 Emendi tal-PE, li kellhom l-għan fl-Artikolu 1 li jiġu mmuntati ankoraġġi għal ċintu-
rin b'żewġ punti fuq sedili li jħarsu la ġenba f'kocċijiet tat-turisti, billi l-Kunsill jaqbel mal-fehma
tal-Kummissjoni dwar il-periklu ta' sedili li jħarsu la ġenba f'kull tip ta' vettura.

⁽¹⁾ Dok. 10887/03 ENT 114 CODEC 908.

⁽²⁾ ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 8.

⁽³⁾ ĠU C 91 E, tal-15.4.2004, p. 496.

2. Elementi ġodda li jinsabu fil-Pożizzjoni Komuni kif imqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni

Artikolu 1, punt 2

It-test tal-Kummissjoni ġie kompletat b'disposizzjonijiet speċifiċi relatati ma' ankoraġġi għal ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin intiżi għal persuni b'diżabbiltà, li jippermetti li daww l-ankoraġġi jiġu eżentati mid-disposizzjonijiet tekniċi tad-Direttiva.

Artikolu 2

Ġie miżjud artikolu ġdid biex il-Kummissjoni tiġi mistiedna tippreżenta, jekk ikun xieraq, abbozzi ta' miżuri sabiex tiġi armonizzata l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għaċ-ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin intiżi għal persuni b'diżabbiltà.

Artikolu 3 (ex Artikolu 2)

Id-dati kollha li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva ġew posposti u sostitwiti b'dati mobbli li jiddependu mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva ġdida.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Pożizzjoni Komuni, li b'mod ġenerali taqbel mal-proposta tal-Kummissjoni, ġiet adottata unanimament mill-Kunsill. Il-bidliet ewlenin għall-proposta tal-Kummissjoni jikkonċernaw l-eżenzjoni permessa fir-rigward ta' ankoraġġi għal ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin għal persuni b'diżabbiltà u d-dati ta' trasposizzjoni u ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva li ġew adattati.

POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 17/2005**adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2005****bil-għan li tiġi adottata d-Direttiva 2005/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar ċintorini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin f'vetturi bil-mutur****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/C 111 E/04)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽¹⁾,Waqf li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Ir-riċerka wriet li l-użu ta' ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin jista' jikkontribwixxi għal tnaqqis sostanzjali fin-numru ta' mwiet u fil-gravità tal-korrimenti fil-każ ta' aċċident, anke dak ta' qlib ta' karożza. It-tagħmir bihom fil-kategoriji kollha ta' vetturi ikun żgur pass importanti 1 quddiem biex iżid fis-sigurtà fit-toroq u b'konsegwenza jiġu salvati aktar haġġiet.
- (2) Jista' jinkiseb benefiċċju sostanzjali għas-soċjetà, li kieku l-vetturi kollha jkunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà.
- (3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Frar 1986 dwar miżuri komuni biex jitnaqqsu l-aċċidenti fit-toroq, bħala parti mill-programm tal-Komunità għas-sigurtà fit-toroq ⁽³⁾, il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li jsir obbligatorju għal kull passiġġier li jilbes iċ-ċinturin tas-sigurtà, inklużi t-tfal, ħlief f'vetturi ta' servizz pubbliku. Għaldaqstant, għandha ssir distinzjoni bejn karożżi tal-linja li jagħtu servizz pubbliku u vetturi oħra rigward l-istallazzjoni obbligatorja ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin.
- (4) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/EEC tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽⁴⁾, is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip ġiet implimentata

biss għall-vetturi ġodda kollha ta' kategorija M₁ mill-1 ta' Jannar 1998. B'konsegwenza, dawn il-vetturi biss għandhom ikunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin li jissodifaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE ⁽⁵⁾.

- (5) Sakemm is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip tiġi estiża għall-kategoriji kollha ta' vetturi, l-installazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin għandha tkun meħtieġa, fl-interess tas-sigurtà fit-toroq, f'vetturi li jaqgħu taħt kategoriji oħra minbarra M₁.
- (6) Id-Direttiva 77/541/KEE diġà tipprovdi għad-disposizzjonijiet tekniċi u amministrattivi kollha li jippermettu l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ta' kategoriji oħra minbarra M₁. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jeħtieġux l-introduzzjoni ta' disposizzjonijiet ulterjuri.
- (7) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 96/36/KE tas-17 ta' Ġunju 1996 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE rigward iċ-ċinturini tas-sigurtà u s-sistemi tat-trażżin tal-vetturi bil-mutur ⁽⁶⁾, bosta Stati Membri diġà għamlu obbligatorji d-disposizzjonijiet li hemm fiha fir-rigward ta' ċerti kategoriji oħra ta' vetturi minbarra M₁. Għaldaqstant il-manifatturi u l-fornituri tagħhom żviluppaw teknoloġija xierqa.
- (8) Id-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-disposizzjonijiet speċjali għal vetturi użati għat-trasport ta' passiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq ⁽⁷⁾ tipprovdi disposizzjonijiet għal aċċess aktar faċli għal persuni ta' mobilità mnaqqsa bħal persuni b'diżabbiltà f'vetturi wżati għat-trasport ta' passiġġieri li fihom iżjed minn tmien sedili. Jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jippermettu l-istallazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin, li ma jikkonformawx ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-Direttiva 77/541/KEE, iżda li ġew iddisinjati b'mod speċifiku għas-sigurtà ta' dawk il-persuni ftali vetturi.

⁽¹⁾ ĠU C 80, 30.3.2004, p. 10.⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2003 (ĠU C 91 E, tal-15.4.2004, p. 491), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Jannar 2004 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-... (għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).⁽³⁾ ĠU C 68, 24.3.1986, p.35.⁽⁴⁾ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/78/KE (ĠU L 153, 30.4.2004, p. 103).⁽⁵⁾ ĠU L 220, 29.8.1977, p. 95. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.⁽⁶⁾ ĠU L 178, tas-17.7.1996, p. 15.⁽⁷⁾ ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1.

- (9) Id-Direttiva 77/541/KEE għandha tiġi hekk emendata.
- (10) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fit-toroq bl-introduzzjoni tat-tagħmir obbligatorju b'ċinturini tas-sigurtà f'ċerti kategoriji ta' vetturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba d-daqs ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,
- (3) L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:
- (a) In-nota tal-qiegħ relatata mal-punt 3.1. għandha tiġi mħassra;
- (b) Il-punt 3.1.1. għandu jiġi sostitwit bis-segwenti:
- “3.1.1. Bl-eċċezzjoni ta' postijiet bilqiegħda intiżi biss għall-użu meta l-vettura tkun wieqfa, is-sedili ta' vetturi tal-kategorija M₁, M₂ (ta' klassi III jew B), M₃ (ta' klassi III jew B), u N għandhom ikunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin li jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.

Vetturi ta' klassi I, II jew A tal-kategorija M₂ jew M₃ jistgħu jiġu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin, sakemm jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.”.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 2

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 77/541/KEE

Id-Direttiva 77/541/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu li ġej għandu jiġi mdaħħal:

“Artikolu 2a

1. L-Istati Membri jistgħu, skond il-liġi nazzjonali, jippermettu l-installazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà jew sistemi ta' trażżin oħra minbarra dawk koperti minn din id-Direttiva kemm-il darba dawn ikunu intiżi għal persuni b'diżabbiltà.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll jeżentaw is-sistemi ta' trażżin maħluqa biex jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' l-Anness VII għad-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-disposizzjonijiet speċjali għal vetturi użati għat-trasport ta' passiġġieri li jkollhom aktar minn tminn sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq (*), mid-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

3. Il-ħtiġijiet ta' l-Anness I, punt 3.2.1. ta' din id-Direttiva m' għandhomx japplikaw għal ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin koperti mill-paragrafi 1 u 2.

(*). ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1.”

- (2) Fl-Artikolu 9, għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

“Vetturi tal-kategorija M₂ u M₃ għandhom jiġu suddiviżi fi klassijiet kif imfisser fis-sezzjoni 2 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE.”.

Miżuri previsti għal persuni b'diżabbiltà

Mhux iżjed tard mill-... (*), il-Kummissjoni għandha teżamina proċeduri speċifiċi biex jiġu armonizzati l-ħtiġijiet għal ċinturini tas-sigurtà intiżi għal persuni b'diżabbiltà, ibbażati fuq standards internazzjonali eżistenti u ħtiġijiet legali nazzjonali, sabiex jagħtu lil din id-Direttiva livell ta' sigurtà ekwivalenti. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' miżuri. Emendi għal din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f'konformità ma' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 3

Implimentazzjoni

1. Mill-... (**), fir-rigward ta' l-installazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew l-installazzjoni ta' sistemi ta' trażżin, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 77/541/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx:

- (a) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE, jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, rigward tip ta' vettura;
- (b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda.

2. Mill-... (***) fir-rigward ta' l-installazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin, li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 77/541/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' tip ġdid ta' vettura:

- (a) ma jibqgħux jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE;
- (b) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

(*). 24 xahar wara d-data msemmija fl-Artikolu 4(2).

(**) Data msemmija fl-Artikolu 4(2).

(***) Sitt xhur wara d-data msemmija fil-paragrafu 1.

3. Mill-... (*), fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin, li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 77/541/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom:

- (a) jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda bħala li m' għadhomx validi għall-għan ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE;
- (b) jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda, ħliet f'każijiet fejn jiġu invokati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 4

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel ... (**). Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.
2. Għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mill-... (**).
3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza meta jkunu ppublikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

(*) 18-il-xahar wara d-data msemija fil-paragrafu 1.

(**) Sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(***) Sitt xhur u jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva proposta, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-20 ta' Ġunju 2003 ⁽¹⁾, hija bbażat fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta Opinjoni ⁽²⁾ fl-10 ta' Diċembru 2003.

Il-Parlament Ewropew temm l-ewwel qari tiegħu u ta Opinjoni fis-17 ta' Diċembru 2003 ⁽³⁾.

Fl-24 ta' Jannar 2005 l-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu kif stabbilita fid-dok. 11934/04.

II. GĦAN

Id-Direttiva proposta għandha l-għan li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/3/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin ta' vetturi bil-mutur sabiex jiġi impost l-immuntar ta' ċinturini ta' sigurtà fil-vetturi bil-mutur li mhumiex karożżi tal-passiġġieri.

Iż-żewġ Direttivi li ġejjin jikkonċernaw ukoll l-istallazzjoni ta' ċinturini ta' sigurtà fir-rigward ta' vetturi:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE tat-22 ta' Lulju 1974, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/37/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward sedili għal vetturi bil-mutur;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward ankoraġġi għal ċinturini ta' sigurtà ta' vetturi bil-mutur.

Bil-ħsieb ta' l-istallazzjoni obligatorja ta' ċinturini ta' sigurtà fil-vetturi kollha, il-Kummissjoni ppropo- niet li jiġu emendati t-tliet Direttivi simultanjamment, għal raġunijiet tekniċi.

B'kont meħud li l-għan aħħari ta' l-azzjoni proposta hu li titjeb is-sigurtà fit-toroq, id-Direttivi għand- hom jiġu adottati fl-istess ħin u jiġu implimentati fl-istess data.

III. ANANLIŻI TAL-POSIZZJONI KOMUNI

1. Ġenerali

Fil-Pożizzjoni Komuni li ġiet adottata unanimament, il-Kunsill:

- immodifika l-Artikolu 1, sabiex jippermetti lill-Istati Membri li jeżentaw iċ-ċinturini ta' sigurtà u s-sistemi ta' trażżin intiżi għal persuni b'diżabbiltà milli jikkonformaw mad-disposizzjoni tad-Direttiva;
- żied artikolu ġdid biex jistieden lill-Kummissjoni teżamina proċeduri speċifiċi biex jiġu armoniz- zati l-ħtiġiet għal persuni b'diżabbiltà;
- ippospona diversi dati ta' dħul fis-seħħ fl-Artikolu 3;
- irrifjuta l-Emenda tal-PE, li kellha l-għan fl-Artikolu 1 li jiġi mmuntat ċinturin b'żewġ punti fuq sedili li jħarsu la ġenba f'coaches tat-turisti, billi l-Kunsill jaqbel mal-fehmiet tal-Kummissjoni dwar il-periklu ta' sedili li jħarsu la ġenba f'kull tip ta' vettura.

⁽¹⁾ Dok. 10886/03 ENT 113 CODEC 907.

⁽²⁾ ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 10.

⁽³⁾ ĠU C 91, tal-15.4.2004, p. 491.

2. Elementi ġodda li jinsabu fil-Posizzjoni Komuni kif imqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni

Artikolu 1, punt 1

It-test tal-Kummissjoni ġie sostitwit b'test ġdid li jippermetti li ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin intiżi għal persuni b'diżabbiltà jiġu eżentati mid-disposizzjonijiet tekniċi tad-Direttiva.

Artikolu 2

Ġie miżjud Artikolu ġdid biex il-Kummissjoni tiġi mistiedna tippreżenta, jekk ikun xieraq, abbozzi ta' miżuri sabiex tiġi armonizzata l-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli għaċ-ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin intiżi għal persuni b'diżabbiltà.

Artikolu 3 (ex Artikolu 2)

Id-dati kollha li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva ġew posposti u sostitwiti b'dati mobili li jiddependu mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva ġdida.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Posizzjoni Komuni, li b'mod ġenerali taqbel mal-proposta tal-Kummissjoni, ġiet adottata unanimament mill-Kunsill. Il-bidliet prinċipali għall-proposta tal-Kummissjoni jikkonċernaw l-eżenzjoni permessa fir-rigward ta' ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin għal persuni b'diżabbiltà u d-dati ta' trasposizzjoni u ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva li ġew adattati.

POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 18/2005**adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2005****bil-għan li tiġi adottata Direttiva 2005/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi u t-trażżin tar-ras tagħhom****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/C 111 E/05)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽¹⁾,Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Ir-riċerka wriet li l-użu taċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistemi tat-trażżin jistgħu jikkontribwixxu għal tnaqqis sostanzjali fin-numru ta' mwiet u fil-gravità tal-korrimenti fil-każ ta' inċident, anke f'każi fejn jinqalbu l-vetturi. Il-preżenza tagħhom fil-kategoriji kollha ta' vetturi ikun żgur pass importanti 'il quddiem biex tiżdied is-sigurtà fit-toroq u, għaldaqstant jiġu salvati aktar ħajjiet.
- (2) Jista' jinkiseb benefiċċju sostanzjali għas-soċjetà, li kieku l-vetturi kollha jkunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà.
- (3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Frar 1986 dwar miżuri komuni biex jitnaqqsu l-inċidenti fit-toroq, bħala parti mill-programm tal-Komunità għas-sigurtà fit-toroq ⁽³⁾, il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li jsir obbligatorju għal kull passiġġier li jilbes iċ-ċinturin tas-sigurtà, inklużi t-tfal, ħlief f'vetturi ta' servizz pubbliku. Għaldaqstant, għandha ssir distinzjoni bejn karożżi tal-linja li jaġhtu servizz pubbliku u vetturi oħra rigward l-installazzjoni obbligatorja ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin.
- (4) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽⁴⁾, is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip ġiet implimentata biss għall-vetturi ġodda kollha tal-kategorija M₁ mill-1 ta' Jannar 1998. B'konsegwenza, dawn il-vetturi biss għandhom ikunu mgħammra b'sedili, ankoraġġi tas-sedili

u trażżin tar-ras li jissodifaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE ⁽⁵⁾.

- (5) Sakemm is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip tiġi estiża għall-kategoriji kollha ta' vetturi, l-installazzjoni ta' sedili u ankoraġġi ta' sedili kompatibbli ma' l-installazzjoni ta' ankoraġġi ta' ċinturini tas-sigurtà għandhom ikunu meħtieġa, fl-interess tas-sigurtà fit-toroq, f'vetturi li jaqgħu taħt kategoriji oħra minbarra M₁.
- (6) Id-Direttiva 74/408/KEE diġa ttiprovdi għad-disposizzjonijiet tekniċi u amministrattivi kollha li jippermettu l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ta' kategoriji oħra minbarra M₁. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jeħtieġux l-introduzzjoni ta' disposizzjonijiet ulterjuri.
- (7) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/37/KEE tas-17 ta' Ġunju 1996 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE ⁽⁶⁾, bosta Stati Membri diġa għamlu obbligatorji d-disposizzjonijiet li hemm fiha fir-rigward ta' ċerti kategoriji oħra ta' vetturi minbarra M₁. Għaldaqstant, il-manifatturi u l-fornituri tagħhom żviluppaw teknoloġija xierqa.
- (8) Ir-riċerka uriet li mhux possibbli ttiprovdi sedili li jħarsu lejn il-ġenb tal-vettura b'ċinturini tas-sigurtà li jiżguraw l-istess livell ta' sigurtà lill-okkupanti daqs sedili li jħarsu 'l quddiem. Għal raġunijiet ta' sigurtà, jeħtieġ li daww is-sedili jiġu projbiti f'ċerti kategoriji ta' vetturi.
- (9) Id-Direttiva 74/408/KEE għandha tiġi hekk emendata.
- (10) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fit-toroq bl-introduzzjoni tat-tagħmir obbligatorju b'ċinturini tas-sigurtà f'ċerti kategoriji ta' vetturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba d-daqs ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,

⁽¹⁾ ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 6.⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2003 (ĠU C 91 E, tal-15.4.2004, p. 487), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Jannar 2004 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-... (għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).⁽³⁾ ĠU C 68, ta' l-24.3.1986, p. 35.⁽⁴⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/78/KE (ĠU L 153, tat-30.4.2004, p. 103).⁽⁵⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1976, p.6. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/EC (ĠU L 187, tas-26.7.1996, p. 95).⁽⁶⁾ ĠU L 186, tal-25.7.1996, p. 28.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

sedil jifforma angolu ta' inqas minn +10° jew -10° mal-pjan vertikali tas-simetrija tal-vettura;

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 76/115/KEE

Id-Direttiva 76/115/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

“Vetturi tal-kategorija M₂ u M₃ għandhom ikunu suddiviżi fi klassijiet kif spjegat fis-sezzjoni 2 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-disposizzjonijiet speċjali għal vetturi wżati għat-trasport ta' passiġġieri li jkollhom aktar minn tminn sedili minbarra dak tas-sewwieq (*).

(*) ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1.”

Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“2. Din id-Direttiva m' għandiex tapplika għal sedili li jħarsu lura.”.

2) L-Artikolu li ġej għandu jiġi mdaħħal:

“Artikolu 3a

1. Għandha tkun projbita l-installazzjoni ta' sedili li jħarsu lejn il-ġenb tal-vettura f'vetturi tal-kategoriji M₁, N₁, M₂ (ta' klassi III jew B) u M₃ (ta' klassi III jew B).

2. Il-paragrafu 1 m' għandux japplika għal ambulanzi jew vetturi mniżżla fl-Artikolu 8(1) l-ewwel inċiż tad-Direttiva 70/156/KEE .”.

3) L-Anness II għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Punt 1.1 għandu jinbidel bis-segwenti:

“1.1. Il-ħtiġijiet ta' dan l-Anness ma japplikawx għal sedili li jħarsu lura, jew għal kwalunkwe trażżin tar-ras installat fuq tali sedili.”;

(b) Punt 2.3 għandu jinbidel bis-segwenti:

“2.3. ‘ sedil’ ifisser struttura li tista tkun integrata ma’ l-istruttura tal-vettura jew le, kompluta bir-raġam, maħsubha biex takkomoda persuna waħda adulta. It-terminu jkopri kemm sedil individwali kif ukoll parti minn bank maħsub li jakkomoda persuna waħda.

Skond l-orjentazzjoni tiegħu, sedil huwa definit kif ġej:

2.3.1. ‘sedil li jhars il quddiem’ ifisser sedil li jista' jintuża waqt li l-vettura qiegħda f'moviment u li jhars lejn in-naħa ta' quddiem tal-vettura b'tali mod li l-pjan vertikali ta' simetrija tas-

2.3.2. ‘sedil li jhars lura’ ifisser sedil li jista' jintuża waqt li l-vettura qiegħda f'moviment u li jhars lejn in-naħa ta' wara tal-vettura b'tali mod li l-pjan vertikali ta' simetrija tas-sedil jifforma angolu ta' inqas minn +10° jew -10° mal-pjan vertikali tas-simetrija tal-vettura;

2.3.3. ‘sedil li jhars lejn il-ġenb’ ifisser sedil li, fir-rigward ta' l-allinjament tiegħu mal-pjan vertikali ta' simetrija tal-vettura, ma jilħaq ebda tifsira mogħtija f'2.3.1. jew 2.3.2. hawn fuq.”;

(ċ) punt 2.9. għandu jiġi mħassar.

4) fl-Anness III, il-punt 2.5 għandu jinbidel mis-segwenti:

“2.5. ‘sedil’ ifisser struttura li x' aktarx tkun ankrata ma' l-istruttura tal-vettura, inkluż ir-raġam u l-aċċessorji tagħha, maħsubha biex tintuża f'vettura u li takkomoda persuna adulta waħda jew aktar.

Skond l-orjentazzjoni tiegħu, sedil huwa definit kif ġej:

2.5.1. ‘sedil li jhars il quddiem’ ifisser sedil li jista' jintuża waqt li l-vettura qiegħda f'moviment u li jhars lejn in-naħa ta' quddiem tal-vettura b'tali mod li l-pjan vertikali ta' simetrija tas-sedil jifforma angolu ta' inqas minn +10° jew -10° mal-pjan vertikali tas-simetrija tal-vettura;

2.5.2. ‘sedil li jhars lura’ ifisser sedil li jista' jintuża waqt li l-vettura qiegħda f'moviment u li jhars lejn in-naħa ta' wara tal-vettura b'tali mod li l-pjan vertikali ta' simetrija tas-sedil jifforma angolu ta' inqas minn +10° jew -10° mal-pjan vertikali tas-simetrija tal-vettura;

2.5.3. ‘sedil li jhars lejn il-ġenb’ ifisser sedil li, fir-rigward ta' l-allinjament tiegħu mal-pjan vertikali ta' simetrija tal-vettura, ma jilħaq ebda tifsira mogħtija f'2.5.1. jew 2.5.2. hawn fuq.”;

5) L-Anness IV għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1.1. għandu jiġi mibdul bis-segwenti:

“1.1. Il-ħtiġijiet stabbiliti f'dan l-Anness japplikaw għal vetturi fil-Kategoriji N1, N2 u N3 u għal dawk fil-kategoriji M2 u M3 mhux koperti mill-ambitu ta' l-Anness III. Bl-eċċezzjoni tad-disposizzjonijiet ta' punt 2.5 ta' l-Anness IV il-ħtiġijiet japplikaw ukoll għal sedili li jħarsu lejn il-ġenb tal-kategoriji kollha ta' vetturi.”;

(b) Punt 2.4, għandu jiġi mibdul bis-segwenti:

“2.4. Is-sedili kollha li jistgħu jinqalbu 'l quddiem jew li għandhom dahar li jingħalaq 'il quddiem iridu jkunu jissakkru awtomatikament fil-pożizzjoni normali. Din il-ħtieġa ma tapplikax għal sedili stallati fl-ispażji għas-siġġijiet tar-roti ta' vetturi ta' kategorija M2 jew M3 ta' klassi I, II jew A.”.

Artikolu 2

Implimentazzjoni

1. Mill-... (*), fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi tagħhom u t-trażżin tar-ras, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 74/408/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri m' għandhomx:

- (a) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE, jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, rigward tip ta' vettura;
- (b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda.

2. Mill-... (**), fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi tagħhom u t-trażżin tar-ras, li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 74/408/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' tip ġdid ta' vettura:

- (a) ma jibqgħux jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE;
- (b) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

3. Mill-... (***), fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi tagħhom u t-trażżin tar-ras, li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 74/408/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom:

- (a) jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda bħala li ma għadhomx validi għall-għan ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE;
- (b) jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda, ħliel f'każijiet fejn jiġu invokati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel ... (****). Għandhom jinformat lill-Kummissjoni b'dan minnufih.
2. Għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mill-... (*****).
3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza meta jkunu ppublikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.
4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Id-Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Id-Destinatarij

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

(*) Data msemija fl-Artikolu 3(2).

(**) Sitt xhur wara d-data msemija fil-paragrafu 1.

(***) 18 il-xahar wara d-data msemija fil-paragrafu 1.

(****) Sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

(*****) Sitt xhur u jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva proposta, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-20 ta' Ġunju 2003 ⁽¹⁾, hija bbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta Opinjoni ⁽²⁾ fl-10 ta' Diċembru 2003.

Il-Parlament Ewropew temm l-ewwel qari tiegħu u ta Opinjoni fis-17 ta' Diċembru 2003 ⁽³⁾.

Fl-24 ta' Jannar 2005 l-Kunsill adotta l-Posizzjoni Komuni tiegħu kif stabbilita fid-dok. 11935/04.

II. GĦAN

Id-Direttiva proposta għandha l-għan li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE tat-22 ta' Lulju 1974, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/37/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward sedili għal vetturi bil-mutur sabiex jiġi impost l-immuntar ta' ċinturini ta' sigurtà fil-vetturi bil-mutur li mhumiex karozzi tal-passiġġieri.

Iż-żewġ Direttivi li ġejjin jikkonċernaw ukoll l-installazzjoni ta' ċinturini ta' sigurtà fir-rigward ta' vetturi:

- id-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/3/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin ta' vetturi bil-mutur;
- id-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward ankoraġġi għal ċinturini ta' sigurtà ta' vetturi bil-mutur.

Bil-ħsieb ta' l-installazzjoni obligatorja ta' ċinturini ta' sigurtà fil-vetturi kollha, il-Kummissjoni ppropo- niet li temenda t-tliet Direttivi simultanjament, għal raġunijiet tekniċi.

B'kont meħud li l-għan aħħari ta' l-azzjoni proposta hu li titjieb is-sigurtà fit-toroq, id-Direttivi għand- hom jiġu adottati fl-istess ħin u jiġu implimentati fl-istess data.

III. ANALIŻI TAL-POSIZZJONI KOMUNI KIF STABBILITA FID-DOK. 7418/04.

1. Ġenerali

Fil-Posizzjoni Komuni li ġiet adottata unanimament, il-Kunsill:

- immodifika l-Artikolu 1, bl-inklużjoni ta' sedili li jintwew fil-firxa ta' applikazzjoni tad-Direttiva u l-inseriment ta' definizzjonijiet li jikkategorizzaw id-diversi orjentazzjonijiet tas-sedili;
- ippospona diversi dati ta' dħul fis-seħħ fl-Artikolu 2;
- irrifjuta t-tliet emendi tal-PE:
 - L-Emenda nru 3 tal-PE li tipproponi l-ħolqien ta' premessa 8a) ġdida li tikkonċerna testijiet la ġenba biex jiġu eżaminati mill-Kummissjoni ġiet rifjutata għax il-Kunsill ma jemminx li jinħtieġu aktar testijiet biex jiġi konkluż li sedili li jħarsu la ġenba huma perikolużi għal okkupanti ta' kull tip ta' vettura;
 - L-Emendi nru 1 u 2 tal-PE li jirrestrinġu fl-Artikolu. 1 il-projbizzjoni ta' l-installazzjoni ta' sedili li jħarsu la ġenba għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur ġew rifjutati billi l-Kunsill jaqbel mat-tħassib tal-Kummissjoni li jirrigwarda l-projbizzjoni ta' sedili laterali f'kull tip ta' vettura għas-sigurtà tal-passiġġieri.

⁽¹⁾ Dok. 10888/03 ENT 115 CODEC 909

⁽²⁾ ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 6.

⁽³⁾ ĠU C 91 E, tal-15.4.2004, p. 487.

2. Elementi ġodda li jinsabu fil-Posizzjoni Komuni kif imqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni

Artikolu, punt 1

Tneħħija tar-referenza għan-non-applikazzjoni tad-Direttiva għal "sedili li jintwew".

Punt 2

- l-obbligu ta' l-Istati Membri li jipprojbixxu l-immuntar ta' sedili li jħarsu la ġenba ġie trasferit għall-Artikoluikolu 2 li jikkonċerna l-implimentazzjoni;
- il-firxa ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq sedili li jħarsu la ġenba ġiet ikkjarifikata;

Ġew inseriti żewġ punti ġodda (punti 3 u 4) biex jiġu definiti d-diversi orjentazzjonijiet tas-sedili: sedili li jħarsu 'l quddiem, sedili li jħarsu lura u sedili li jħarsu la ġenba.

Punt 5 (ex-punt 3)

Paragrafu ġdid jispeċifika li s-sistema ta' imblukkar awtomatiku meħtieġ fuq sedili li jintwew ma tapplikax għal sedili li jintwew immuntati fl-isparzi għal siġġijiet tar-roti ta' vetturi tal-kategoriji M₂ jew M₃ tal-klassi I, II jew A (xarabanks urbani).

Artikolu 2

Id-dati kollha li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva ġew posposti u sostitwiti b'dati mobbli li jiddependu mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva ġdida.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Posizzjoni Komuni, li b'mod ġenerali taqbel mal-proposta tal-Kummissjoni, ġiet adottata unanimament mill-Kunsill. Il-bidliet prinċipali għall-proposta tal-Kummissjoni jikkonċernaw l-inklużjoni min-naħa waħda tas-sedili li jintwew fil-firxa ta' applikazzjoni tad-Direttiva u min-naħa l-oħra ta' definizzjonijiet ta' diversi orjentazzjonijiet tas-sedili. Barra minn dan, id-dati ta' trasposizzjoni u ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva ġew adattati.
